



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 13.5.2015  
COM(2015) 240 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,  
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**AĠENDA EWROPEA DWAR IL-MIGRAZZJONI**

## **I. Introduzzjoni**

Matul l-istorja, in-nies emigraw minn post għall-ieħor. Persuni li jippruvaw jilhqax x-xtut Ewropej jagħmlu dan għal raġunijiet differenti u permezz ta' mezzi differenti. Huma jfittxu modi legali, iżda huma jirriskjaw haġġithom ukoll, biex jaħarbu minn oppressjoni politika, gwerer u faqar, kif ukoll biex isibu r-riunifikazzjoni tal-familja, l-intraprenditorija, l-għarfien u l-edukazzjoni. Il-migrazzjoni ta' kull persuna tirrakkonta l-istorja tagħha. In-narrattivi żbaljati u sterjotipati spiss għandhom it-tendenza li jiffokaw biss fuq ċerti tipi ta' flussi, u jinjoraw il-kumplessità inerenti ta' dan il-fenomeno, li jħalli impatt fuq is-soċjetà b'ħaġġa modi differenti u jitlob għal varjetà ta' reazzjonijiet. Din l-Aġenda tlaqqa' l-passi differenti li l-Unjoni Ewropea għandha tiegħu issa, u fis-snin li ġejjin, sabiex tibni approċċ koerenti u komprensiv biex taħsad il-benefiċċji u tindirizza l-isfidi li jirriżultaw mill-migrazzjoni.

Dak li huwa importanti f'dan il-mument huwa d-dmir li jiġu protetti dawk fil-bżonn. Is-sitwazzjoni ta' eluf ta' migranti li jpoġġu haġġithom fil-periklu biex jaqsmu l-Mediterran kienet ta' xokk għalina lkoll. Bħala rispons tal-ewwel u immedjat, il-Kummissjoni ressqet pjan b'għaxar punti għal azzjoni immedjata. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill Ewropew taw l-appoġġ tagħhom lil dan il-pjan u l-Istati Membri impenjaw ruħhom ukoll għal passi konkreti, notevolment biex jiġi evitat aktar telf ta' haġġiet.

Ir-rispons kien immedjat, iżda mhux biżżejjed. Dan ma jistax ikun biss rispons ta' darba. Kienu meħtieġa miżuri ta' emerġenza għax il-politika Ewropea kollettiva dwar il-kwistjoni naqset milli tagħti r-riżultati mixtieqa. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-Ewropej wiegħbu għas-sitwazzjoni tal-migranti, ir-realtà hija li madwar l-Ewropa, hemm dubji serji dwar jekk il-politika dwar il-migrazzjoni tagħna hijiex ugwali għall-pressjoni ta' eluf ta' migranti, għall-bżonn li jiġu integrati l-migranti fis-soċjetajiet tagħna, jew għall-ħtiġijiet ekonomiċi ta' Ewropa fi tnaqqis demografiku.

Biex nippruvaw inwaqqfu l-miżerja umana maħluqa minn dawk li jisfruttaw il-migranti, jeħtiġilna nużaw ir-rwol globali tal-UE u l-firxa wiesgħa ta' għodod biex nindirizzaw il-kawżi bażiċi tal-migrazzjoni. Xi wħud minn dawn huma profondi iżda jridu jiġu indirizzati. Il-globalizzazzjoni u r-revoluzzjoni tal-komunikazzjoni ħolqu opportunitajiet u għollew l-aspettattivi. Oħrajn huma l-konsegwenza ta' gwerer u kriżijiet mill-Ukraina sal-Lvant Nofsani, l-Asja u l-Afrika ta' Fuq. L-impatt tal-faqar u l-kunflitt globali ma jintemmx mal-fruntieri nazzjonali.

L-Ewropa għandha tkompli tkun rifuġju sikur għal dawk li qed jaħarbu l-persekuzzjoni kif ukoll destinazzjoni attraenti għat-talent u l-intraprenditorija ta' studenti, riċerkaturi u haġġiem. Iż-żamma tal-impenji u l-valuri internazzjonali tagħna filwaqt li niproteġu l-fruntieri tagħna u fl-istess ħin noħolqu l-kundizzjonijiet it-tajba għall-prosperità ekonomika u l-koeżjoni tas-soċjetà tal-Ewropa huwa bilanċ diffiċli li jeħtieġ azzjoni koordinata fuq livell Ewropew.

Dan jitlob li jkun hemm sensiela ta' miżuri ċentrali u politika komuni ċara u konsistenti. Jeħtieġ li nirkupraw il-fiduċja fil-kapaċità tagħna li nlaqqgħu l-isforzi Ewropej u dawk nazzjonali biex nindirizzaw il-migrazzjoni, nissodisfaw l-obbligi internazzjonali u etiċi tagħna u naħdmu flimkien b'mod effettiv, skont il-prinċipji tas-solidarjetà u r-responsabbiltà kondiviża. L-ebda Stat Membru waħdu ma jista' jindirizza b'mod effettiv il-migrazzjoni. Huwa ċar li għandna bżonn approċċ ġdid u iktar Ewropew. Dan jeħtieġ l-użu tal-politiki u l-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħna — filwaqt li nġaqqdu politiki interni u esterni sabiex jinkiseb l-aħjar effett. L-atturi kollha: L-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Organizzazzjonijiet Internazzjonali, is-soċjetà ċivili, l-awtoritajiet lokali u l-pajjiżi terzi

jeħtieġ li jaħdmu flimkien biex jagħmlu l-politika Ewropea komuni dwar il-migrazzjoni realtà.

## **II. Azzjoni Immedjata**

L-ewwel parti ta' din l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni twieġeb għall-hteġa ta' azzjoni ta' malajr u determinata b'rispons għat-traġedja umana fil-Mediterran sħiħ. Id-dikjarazzjoni tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' April 2015<sup>1</sup> u r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew f'it jem wara<sup>2</sup>, urew il-kunsens għal azzjoni rapida biex jiġu salvati l-ħajjiet u biex tingħata spinta lill-azzjoni tal-UE<sup>3</sup>.

Dan ir-rispons rapidu jrid iservi wkoll bħala l-pjan ta' azzjoni għar-reazzjoni tal-UE għal kriżijiet futuri, tkun liem tkun il-parti tal-fruntiera esterna komuni li tiġi taħt pressjoni mil-Lvant sal-Punent u mit-Tramuntana san-Nofsinhar.

### *Salvataġġ tal-persuni mill-baħar*

L-Ewropa ma tistax ma tagħmel xejn meta qed jintilfu l-ħajjiet. It-tiftix u s-salvataġġ ser jiġu intensifikati biex jiġi mreġġa' lura l-livell ta' intervent ipprovdut taħt l-operazzjoni Taljana "Mare Nostrum". Sabiex jiġi triplat il-baġit għall-**operazzjonijiet konġunti ta' Frontex Triton u Poseidon**, il-Kummissjoni diġà ppreżentat baġit emendatorju għall-2015 u se tippreżenta l-proposta tagħha għall-2016 sal-aħħar ta' Mejju. Meta tkun implimentata, din se tespandi kemm il-kapaċità kif ukoll l-ambitu ġeografiku ta' dawn l-operazzjonijiet, biex b'hekk il-Frontex tkun tista' tissodisfa r-rwol doppju tagħha ta' koordinazzjoni tal-appoġġ operattiv fil-fruntieri lill-Istati Membri taħt pressjoni, u tgħin biex jiġu salvati l-ħajjiet tal-migranti fuq il-baħar<sup>4</sup>. B'mod parallel ma' din iż-żieda fil-fondi tal-UE, qed jintużaw assi (vapuri u inġenji tal-ajru) minn diversi Stati Membri. Din is-solidarjetà mixtieqa teħtieġ li tinżamm sakemm il-pressjoni migratorja tippersisti. Il-Pjan Operazzjonali Triton il-ġdid ser jiġi ppreżentat sal-aħħar ta' Mejju<sup>5</sup>.

### *L-immirar tan-netwerks tal-kuntrabandu kriminali*

Iridu jiġu mmirati n-netwerks kriminali li jisfruttaw lill-migranti vulnerabbli. Ir-Rappreżentant Għoli/Viċi President (RGħ/VP) diġà ppreżentat għażliet għal **operazzjonijiet ta' Politika ta' Sigurtà u Difiża Komuni (PSDK)** possibbli biex jiġu identifikati, maqbuda u

<sup>1</sup> Laqgħa speċjali tal-Kunsill Ewropew, it-23 ta' April 2015 — dikjarazzjoni: <http://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2015/04/23-special-euco-statement/>. Din il-parti tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni tinkorpora u tkompli tiżviluppa l-inizjattivi inklużi fil-Pjan Direzzjonali li l-Kummissjoni ppreżentat bħala segwitu għad-Dikjarazzjoni tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' April.

<sup>2</sup> <http://www.europarl.europa.eu/oeil/popups/ficheprocedure.do?lang=en&reference=2015/2660> (RSP).

<sup>3</sup> Il-politika komuni tal-Unjoni dwar l-ażil, l-immigrazzjoni, il-viżi u l-kontroll tal-fruntieri esterni hija bbażata fuq it-Titolu V (L-Ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Skont il-Protokoll 21 u 22 tat-Trattati, ir-Renju Unit, l-Irlanda u d-Danimarka ma jiddux parti fl-adozzjoni mill-Kunsill tal-miżuri proposti skont it-Titolu V tat-TFUE. Ir-Renju Unit u l-Irlanda jistgħu jinnotifikaw lill-Kunsill, fi żmien tliet xhur wara li proposta jew inizjattiva tkun ġiet ippreżentata, jew fi kwalunkwe ħin wara l-adozzjoni tagħha, li jixtiequ jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' kwalunkwe tali miżura proposta. Id-Danimarka fi kwalunkwe żmien tista', skont il-ħtiġijiet kostituzzjonali tagħha, tinnotifika lill-Istati Membri l-oħra li tixtieq tapplika b'mod sħiħ il-miżuri rilevanti kollha adottati fuq il-bażi tat-Titolu V tat-TFUE.

<sup>4</sup> Dan l-appoġġ huwa b'żieda għall-assistenza sostanzjali disponibbli għal dawn l-Istati Membri minn fondi tal-Affarijiet Interni li tagħhom l-Italja hija l-ikbar benefiċjarju f'termini assoluti u Malta f'termini per capita.

<sup>5</sup> Peress li Triton u Poseidon huma operazzjonijiet ikkoordinati mill-Frontex li jirrigwardaw il-protezzjoni tal-fruntieri esterni, huma jibnu fuq l-*acquis* ta' Schengen, li fih l-Irlanda u r-Renju Unit ma jipparteċipawx (ara n-nota f'qiegħ il-paġna 25 hawn taħt). Dan il-fatt ma jeskludix bastimenti tar-Renju Unit milli jipparteċipaw f'operazzjonijiet ta' Tiftix u Salvataġġ, fil-Mediterran, f'koordinazzjoni minn Triton u Poseidon.

meqruda sistematikament bastimenti użati minn kuntrabandisti. Tali azzjoni skont il-liġi internazzjonali se tkun dimostrazzjoni qawwija tad-determinazzjoni tal-UE li tiegħu azzjoni.

Se jsir aktar sforz biex tinġabar u **tintuża aħjar informazzjoni biex jiġu identifikati u mmirati l-kuntrabandisti**. Il-Europol minnufih se jsaħħaħ l-operazzjoni ta' informazzjoni marittima konġunta li għiet stabbilita dan l-aħħar (JOT MARE) — u l-punt fokali tagħha dwar il-kuntrabandu tal-migranti. Ir-riżultat se jkun punt ta' waqfa waħda għal kooperazzjoni bejn l-aġenziji dwar il-kuntrabandu<sup>6</sup>. Il-Frontex u l-Europol se jiżviluppaw ukoll profili ta' bastimenti li jistgħu jintużaw minn kuntrabandisti, wara li jiġu segwiti tendenzi biex jiġu identifikati bastimenti potenzjali u jiġu ssorveljati l-movimenti tagħhom. Fl-aħħar nett, il-Europol se jidentifika kontenut illegali fuq l-internet użat minn kuntrabandisti biex jattiraw migranti u rifuġjati, u jitlob għat-tneħħija tiegħu.

### *Ir-reazzjoni għal volumi għoljin ta' wasliet ġewwa l-UE: Rilokazzjoni*

Is-sistemi ta' ażil tal-Istati Membri llum qed jiffaċċjaw pressjoni bla preċedent u, bis-sajf kważi magħna, il-fluss ta' nies lejn l-Istati Membri li huma l-iktar milquta se jkompli fix-xhur li ġejjin. L-UE m'għandhiex tistenna sakemm il-pressjoni tkun intollerabbli biex taġixxi: il-volumi ta' wasliet ifissru li l-kapaċità tal-akkoljenza lokali u tal-faċilitajiet ta' pproċessar diġà tinsab taħt pressjoni. Sabiex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni fil-Mediterran, il-Kummissjoni, sal-aħħar ta' Mejju, se tippromovi li tinbeda s-sistema ta' rispons ta' emerġenza prevista taħt l-Artikolu 78(3) tat-TFUE<sup>7</sup>. Il-proposta se tinkludi skema ta' distribuzzjoni temporanja għal persuni fi bżonn ċar ta' protezzjoni internazzjonali biex tiġi żgurata parteċipazzjoni bilanċjata u ġusta tal-Istati Membri kollha f'dan l-isforz komuni. L-Istat Membru li jkun qed jirċievi jkun responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni skont ir-regoli u garanziji stabbiliti. Parametru ta' ridistribuzzjoni bbażat fuq kriterji bħall-PDG, id-daqs tal-popolazzjoni, ir-rata tal-qgħad u numri passati ta' dawk li jfittxu l-ażil jista' jinstab fl-Anness.

Dan il-pass ser ikun il-prekursur ta' soluzzjoni dejjiema. L-UE teħtieġ sistema permanenti għall-kondiviżjoni tar-responsabbiltà għal numri kbar ta' rifuġjati u dawk li jfittxu l-ażil fost l-Istati Membri. Sa tmiem l-2015 il-Kummissjoni se tippreżenta proposta leġiżlattiva biex tipprovdi għal sistema ta' rilokazzjoni obligatorja u awtomatika biex tqassam lil dawk li b'mod ċar jeħtieġu l-protezzjoni internazzjonali fi ħdan l-UE meta jinqala' influż bil-massa<sup>8</sup>. L-iskema se tqis l-isforzi li diġà saru fuq bażi volontarja mill-Istati Membri.

Fl-istennija tal-implimentazzjoni ta' dawn iż-żewġ miżuri, l-Istati Membri ser ikollhom juru solidarjetà u jirduppjaw l-isforzi tagħhom biex jgħinu dawk il-pajjiżi li huma l-iktar milquta.

### *Approċċ komuni biex tingħata protezzjoni lil persuni spustati li jeħtieġu l-protezzjoni: Installazzjoni mill-ġdid*

Barra mir-rilokazzjoni ta' dawk li diġà qegħdin fuq territorju tal-UE, l-UE għandha d-dmir li tikkontribwixxi s-sehem tagħha biex tgħin persuni spostati li b'mod ċar jeħtieġu l-protezzjoni internazzjonali. Din hija responsabbiltà konġunta tal-komunità internazzjonali, bil-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR) mogħti l-kompitu li jidentifika meta n-nies ma jistgħux jibqgħu f'pajjiżhom stess b'mod sikur. Tali persuni vulnerabbli ma jistgħux jitħallew jużaw in-netwerks kriminali ta' kuntrabandisti u traffikanti. Irid ikun hemm mezzi sikuri u legali biex jilħqu l-UE. L-UNHCR approva mira ta' 20,000

<sup>6</sup> L-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà Marittima, l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd u l-Eurojust għandhom ukoll jikkontribwixxu għal dan ix-xogħol.

<sup>7</sup> Din il-proposta ma tapplikax għad-Danimarka u tapplika għar-Renju Unit u l-Irlanda biss jekk dawn jagħmlu użu mid-dritt rispettiv tagħhom għal inklużjoni fakultattiva (ara n-nota f'qiegħ il-paġna 3).

<sup>8</sup> Dwar l-ambitu ta' tali proposta, ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 3.

post ta' risistemazzjoni għall-UE għal kull sena sas-sena 2020.<sup>9</sup> Xi wħud mill-Istati Membri diġà għamlu kontribut kbir għall-isforzi ta' risistemazzjoni globali. Iżda l-oħrajn ma joffru xejn — u f'hafta każijiet mhumiex qed jagħmlu kontribuzzjonijiet alternattivi fir-rigward ta' riċeviment u aċċettazzjoni ta' talbiet għall-ażil jew biex jgħinu fil-finanzjament tal-isforzi tal-oħrajn.

Sal-aħħar ta' Mejju, il-Kummissjoni se tagħmel Rakkomandazzjoni li tipproponi **skema ta' risistemazzjoni madwar l-UE biex toffri 20,000 post**. Din l-iskema se tkopri l-Istati Membri kollha, bi kriterji ta' distribuzzjoni li jinsabu fl-Anness, bħall-PDG, id-daqs tal-popolazzjoni, ir-rata tal-qgħad u numri passati ta' dawk li qed ifittxu l-ażil u ta' rifuġjati risistemati, u se tqis l-isforzi diġà magħmula fuq bażi volontarja mill-Istati Membri. Il-baġit tal-UE se jipprovi finanzjament dedikat ta' **EUR 50 miljun żejda fl-2015/2016** bħala sostenn għal din l-iskema. Jekk ikun meħtieġ, dan se jkun segwit bi proposta għal approċċ leġiżlattiv b'mod vinkolanti u obligatorju lil hinn mill-2016<sup>10</sup>. B'żieda ma' dan l-isforz komuni, il-Kummissjoni tappella lill-Istati Membri biex jagħmlu użu mill-possibiltajiet eżistenti offruti taħt il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u joffru aktar postijiet ta' risistemazzjoni taħt il-programmazzjoni nazzjonali tagħhom, bil-finanzjament aġġustat malajr.

Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jużaw b'mod sħiħ il-mezzi legali oħra disponibbli għal persuni fi bżonn ta' protezzjoni, inklużi sponsorizzazzjonijiet privati/mhux governattivi u permessi umanitarji, u klawsole tar-riunifikazzjoni tal-familja.

*Il-ħidma bi sħubija ma' pajjiżi terzi biex tiġi trattata l-migrazzjoni minn qabel*

L-UE tista' wkoll tieħu azzjoni immedjata biex tintervjeni minn qabel f'reġjuni ta' orġini u ta' tranżitu. Il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) se jaħdmu flimkien mal-pajjiżi sħab biex jistabbilixxu miżuri konkreti biex jiġu evitati vjaġġi perikolużi.

L-ewwel nett, l-UE għandha żżid l-appoġġ tagħha lill-pajjiżi li jgħorru l-piż tar-refuġjati li ġew spostati. Se jkunu stabbiliti jew approfonditi **l-Programmi ta' Żvilupp u Protezzjoni Reġjonali**, li jibdew fl-Afrika ta' Fuq u l-Qarn tal-Afrika, kif ukoll billi nibnu fuq dak eżistenti fil-Lvant Nofsani. Fl-2015/2016 se jsiru disponibbli EUR 30 miljun u għandhom ikunu kkumplimentati minn kontribuzzjonijiet addizzjonali mill-Istati Membri.

It-tieni nett, **se jiġi stabbilit ċentru pilota bi skopijiet multipli fin-Niġer** sal-aħħar tas-sena. Billi jaħdem mal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM), l-UNHCR u l-awtoritajiet tan-Niġer, iċ-Ċentru se jgħaqqad il-forniment ta' informazzjoni, protezzjoni lokali u opportunitajiet ta' risistemazzjoni għal dawk fil-bżonn. Ċentri bħal dawn f'pajjiżi ta' orġini jew ta' tranżitu se jgħinu biex tingħata stampa realistika tas-suċċess probabbli tal-vjaġġi tal-migranti, u joffru l-possibiltà ta' modi għal ritorn volontarju assistit għall-migranti irregolari.

It-tielet nett, il-migrazzjoni se ssir komponent speċifiku tal-missjonijiet attwali **tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK)** li diġà nbdeu f'pajjiżi bħan-Niġer u l-Mali, li ser ikunu msaħħa fuq il-ġestjoni tal-fruntieri. Fil-Ħarifa se jiġi organizzat summit iddedikat ma' sħab ewlenin f'Malta, inkluża l-Unjoni Afrikana, biex jiġi żviluppat approċċ komuni mar-reġjun li jindirizza l-kawżi tal-migrazzjoni irregolari u l-protezzjoni ta' persuni fil-bżonn, kif ukoll il-kuntrabandu u t-traffikar ta' persuni.

Din il-ħidma ser tkun marbuta mill-qrib ma' inizjattivi politiċi usa' sabiex jippromwovu l-istabbiltà. Hija ta' importanza partikolari l-azzjoni mmexxija mir-RGħ/VP biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni fil-**Libja**, b'appoġġ sħiħ għall-isforzi mmexxija min-NU biex jiġi mħeġġeġ il-

<sup>9</sup> Dikjarazzjoni tal-Viċi Direttur tal-UNHCR, Rapport ta' Progress dwar ir-Risistemazzjoni, Laqha tal-Kumitat Permanenti tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Programm tal-Kummissarju Għoli, Ġinevra, 26-28-2012.

<sup>10</sup> Dwar l-ambitu ta' tali proposta, ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 3.

proċess ta' twaqqif ta' Gvern ta' Unità Nazzjonali. L-isforzi persistenti biex tiġi indirizzata l-kriżi fis-**Sirja** ġew akkumpanjati minn EUR 3.6 biljun f'għajjnuna umanitarja, għall-istabbilizzazzjoni u għall-iżvilupp ġewwa s-Sirja u biex jgħinu lir-refuġjati Sirjani f'pajjiżi bħal-Libanu, il-Ġordan, it-Turkija u l-Iraq. Dawn huma biss xi wħud mill-aktar kriżijiet politiċi ovvji li se jkollhom impatt profond fuq il-migrazzjoni lejn l-UE fix-xhur li ġejjin. Ser tingħata wkoll attenzjoni mill-qrib lis-sħab tagħna mil-Lvant, il-Balkani tal-Punent u l-Asja billi nrawmu oqfsa ta' kooperazzjoni eżistenti.

*L-użu ta' għodod tal-UE biex jiġu meġġuna l-Istati Membri li huma l-iktar milquta*

Se jsiru aktar sforzi biex tiġi trattata l-isfida immedjata li jħabbtu wiċċhom magħha l-Istati Membri li huma l-aktar milquta minn wasliet ta' migranti.

L-ewwel nett, il-Kummissjoni se twaqqaf approċċ ġdid ta' "**Hotspot**", fejn l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil, il-Frontex u l-Europol ser jaħdmu fuq il-post ma' Stati Membri li huma l-iktar milquta biex malajr jidentifikaw, jirreġistraw u jieħdu l-marki tas-swaba' tal-migranti li jkunu deħlin. Il-ħidma ta' aġenzija se tkun komplementari għal tal-oħra. Dawk li jitolbu l-ażil ser ikunu immedjatament mgħoddija fi proċedura tal-ażil, fejn timijiet ta' appoġġ tal-EASO se jgħinu biex il-każijiet ta' ażil jiġu pproċessati malajr kemm jista' jkun. Għal dawk li m'għandhomx bżonn ta' protezzjoni, il-Frontex se tgħin lill-Istati Membri fil-koordinazzjoni tar-ritorn ta' migranti irregolari. Il-Europol u l-Eurojust se jgħinu lill-Istat Membru ospitanti b'investigazzjonijiet biex jiġu żarmati n-netwerks ta' kuntrabandu u traffikar.

It-tieni nett, il-Kummissjoni se timmobilizza EUR 60 miljun addizzjonali f'**finanzjament ta' emerġenza**, inkluż biex iservu ta' sostenn għas-sistemi ta' akkoljenza u tal-kura tas-saħħa lill-migranti fi Stati Membri taħt pressjoni partikolari<sup>11</sup>. Bħalissa għaddejja evalwazzjoni tal-ħtiġijiet.

<i>Azzjonijiet Ewlenija</i>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Pakkett ta' finanzjament li jittripla l-allokkazzjoni għal Triton u Poseidon fl-2015-16 u biex jiffinanzja skema ta' risistemazzjoni madwar l-UE.</li> <li>• Appoġġ immedjat għal missjoni possibbli tal-PSDK dwar il-kuntrabandu tal-migranti.</li> <li>• Proposta leġislattiva biex tiġi attivata skema ta' emerġenza taħt l-Artikolu 78(3) TFUE sal-aħħar ta' Mejju, fuq il-bażi tal-prinċipju ta' distribuzzjoni inkluż fl-Anness.</li> <li>• Proposta għal sistema komuni permanenti tal-UE għar-rilokazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza sal-aħħar tal-2015.</li> <li>• Rakkomandazzjoni għal skema ta' risistemazzjoni tal-UE sal-aħħar ta' Mejju segwita, jekk meħtieġ, minn proposta għal approċċ aktar permanenti lil hinn mill-2016.</li> <li>• EUR 30 miljun għal Programmi ta' Żvilupp u Protezzjoni Reġjonali.</li> <li>• Ċentru pilota bi skopijiet multipli stabbilit fin-Niġer sal-aħħar tal-2015.</li> </ul>
-----------------------------	---

## **II. Erba' pilastru biex il-migrazzjoni tiġi ġestita aħjar**

Il-kriżi tal-migrazzjoni fil-Mediterran tefgħet l-enfasi fuq ħtiġiet immedjati. Iżda żvelat ukoll ħafna dwar il-limitazzjonijiet strutturali tal-politika tal-migrazzjoni tal-UE u l-għodod għad-dispożizzjoni tagħha. Din hija opportunità għall-UE biex taffaċċja l-ħtieġa li jinstab il-bilanċ it-tajjeb fil-politika tagħha dwar il-migrazzjoni u tibgħat messaġġ ċar liċ-ċittadini li l-migrazzjoni tista' tkun ġestita aħjar b'mod kollettiv mill-atturi kollha tal-UE.

<sup>11</sup> Għal dan l-għan l-Istati Membri jistgħu jużaw il-fondi disponibbli taħt il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni. Pajjiżi affettwati b'mod partikolari minn influż ta' migranti u persuni li qed ifittxu l-ażil jistgħu jitolbu l-assistenza wkoll kif xieraq mill-mekkaniżmu tal-UE għall-protezzjoni ċivili.

Kif spjegat mill-President Juncker fil-Linji Gwida Politiċi tiegħu, għieda b'saħħitha kontra l-migrazzjoni irregolari, it-traffikanti u l-kuntrabandisti, u s-sigurtà fil-fruntieri esterni tal-Ewropa jridu jiġu mqabbla ma' politika komuni b'saħħitha dwar l-ażil kif ukoll ma' politika Ewropea għida dwar il-migrazzjoni legali. B'mod ċar, din teħtieġ aktar koerenza bejn setturi ta' politika differenti, bħall-kooperazzjoni għall-iżvilupp, il-kummerċ, l-impjieġ, u l-affarijiet barranin u interni.

Qafas ċar u implimentat sew għal mezzi legali għad-dħul fl-UE (permezz ta' sistema effiċjenti tal-ażil kif ukoll tal-viża) se jnaqqas fatturi ewlenin lejn il-permanenza u d-dħul irregolari, li jikkontribwixxu għat-tiżni tas-sigurtà tal-fruntieri Ewropej kif ukoll għas-sigurtà tal-flussi migratorji.

L-UE trid tkompli toffri protezzjoni lil dawk fil-bżonn. Hija trid tirrikonoxxi wkoll li l-ħiliet meħtieġa għal ekonomija vibranti ma jistgħux dejjem jinstabu fi ħdan is-suq tax-xogħol tal-UE mill-ewwel u jafu jieħdu ż-żmien biex jiżviluppaw. Il-migranti li jkunu ġew ammessi legalment mill-Istati Membri m'għandhomx jaffaċċjaw nuqqas ta' rieda u tfixkil — għandhom jingħataw kull assistenza biex jintegraw fil-komunitajiet il-ġodda tagħhom. Dan għandu jitqies bħala ċentrali għall-valuri li l-Ewropej għandhom ikunu kburiya bihom u li għandhom jipproġettaw lis-sħab madwar id-dinja.

Iżda bl-istess mod, l-UE għandha bżonn tislet il-konsegwenzi meta l-migranti ma jissodisfawx il-kriterji għal residenza. Dawk li jitolbu l-ażil mingħajr suċċess li jipprovaw jevitaw li jerġgħu lura, dawk li jaqbżu t-tul tal-perjodu intitolati għalih bil-viża, u migranti li jgħixu fi stat permanenti ta' irregolarità jikkontribwixxu problema serja. Dan ikisser il-fiduċja fis-sistema. Dan joffri argumenti b'saħħithom għal dawk li qed jipprovaw jikkritikaw jew jistigmatizzaw il-migrazzjoni. Dan jagħmilha iktar diffiċli biex dawk il-migranti li jgħixu fl-UE bħala dritt jintegraw.

L-UE trid tkompli tinvolvi ruħha lil hinn mill-fruntieri tagħha u ssaħħaħ il-kooperazzjoni mas-sħab globali tagħha, tindirizza l-kawżi prinċipali, u tippromwovi l-modalitajiet tal-migrazzjoni legali li jrawmu tkabbir u żvilupp ċirkulari fil-pajjiżi ta' orġini u ta' destinazzjoni. Din ir-riflessjoni ser tkun indirizzata b'mod aktar wiesa' mir-Rieżami Strateġiku mibdi mir-RGħ/VP biex jevalwa l-impatt tal-bidliet fl-ambjent globali, kif ukoll bir-Rieżami li jmiss tal-Politika Ewropea tal-Viċinat li se jimmira wkoll li jiġu stabbiliti proposti fi sħubijiet mill-qrib mal-ġirien tagħna għal kooperazzjoni aktar iffokata fuq kwistjonijiet ta' interess komuni, inkluża l-migrazzjoni.

Din l-Aġenda tistabbilixxi erba' livelli ta' azzjoni għal politika tal-UE dwar il-migrazzjoni li hija ġusta, b'saħħitha u realistika. Meta jiġu implimentati, dawn ser jipprovdu lill-UE b'politika ta' migrazzjoni li tirrispetta d-dritt għall-ażil, tirrispondi għall-isfida umanitarja, tipprovdha qafas Ewropew ċar għal politika komuni dwar il-migrazzjoni, u li hija dewwiema<sup>12</sup>.

### **III.1 It-tnaqqis tal-inċentivi għall-migrazzjoni irregolari**

Hemm ħafna motivazzjonijiet differenti wara l-migrazzjoni irregolari. Iżda ta' spiss, tispiċċa f'diżappunt kbir. Il-vjaġġ hu spiss ħafna aktar perikoluż milli mistenni, ħafna drabi jkun f'idejn in-netwerks kriminali li jpoġġu l-profitt qabel l-ħajja umana. Dawk li ma jgħaddux mit-test tal-ażil jaffaċċjaw il-prospett ta' ritorn. Dawk li jgħixu ħajja klandestina fl-Ewropa

<sup>12</sup> Fir-rigward tal-ambitu tal-miżuri li diġà japplikaw u/jew ser jiġu proposti, taħt it-Titolu V tat-TFUE, biex tiġi implimentata l-Aġenda, ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 3 dwar id-drittijiet għal inklużjoni fakultattiva li jikkonċernaw ir-Renju Unit u l-Irlanda u l-istatus ta' inklużjoni fakultattiva li jikkonċerna d-Danimarka.

għandhom eżistenza prekarja u jistgħu faċilment jisfaw vittmi ta' sfruttament. Huwa fl-interess ta' kulħadd li jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin li jwasslu biex in-nies ifittxu haġja xi mkien ieħor, li jiġu mraġżna l-kuntribandisti u t-traffikanti, u li jiġu pprovduti ċarezza u prevedibbiltà fil-politiki ta' ritorn.

#### *L-indirizzar tal-kawżi ewlenin ta' spustament irregolari u sfurzati f'pajjiżi terzi*

Ħafna mill-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni għandhom għeruq profondi fi kwistjonijiet globali li l-UE ilha tipprova tindirizza għal ħafna snin. Il-migrazzjoni għandha tiġi rikonoxxuta bħala wieħed mill-ħafna fatturi li juru li politika esterna tal-UE attiva u impenjata hija ta' importanza diretta għaċ-ċittadini tal-UE. Il-gwerer ċivili, il-persekuzzjonijiet u t-tibdil fil-klima kollha jikkontribwixxu direttament u immedjatament lejn il-migrazzjoni, b'hekk il-prevenzjoni u l-mitigazzjoni ta' dawn it-theddiet huma ta' importanza primarja għad-dibattitu dwar il-migrazzjoni.

Is-sħubija ma' pajjiżi ta' orijini u ta' tranżitu hija kruċjali u hemm serje ta' oqfsa ta' kooperazzjoni bilaterali u reġjonali stabbiliti dwar il-migrazzjoni fis-seħħ<sup>13</sup>. Dawn ser jiġu msaħħa permezz tat-tisħiħ tar-rwol dwar il-migrazzjoni ta' **Delegazzjonijiet tal-UE** f'pajjiżi ewlenin. B'mod partikolari d-delegazzjonijiet se jagħtu rapport dwar l-iżviluppi kbar relatati mal-migrazzjoni fil-pajjiżi ospitanti, jikkontribwixxu fl-integrazzjoni tal-kwistjonijiet ta' migrazzjoni fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp u jestendu l-ħidma tagħhom ma' pajjiżi ospitanti biex tiġi żgurata azzjoni kkoordinata. **L-uffiċjali ta' kollegament dwar il-migrazzjoni Ewropej** se jiġu sekondati f'Delegazzjonijiet tal-UE f'pajjiżi terzi ewlenin, f'kooperazzjoni mill-qrib man-Netzwerk bejn l-Uffiċjali ta' Komunikazzjoni dwar l-Immigrazzjoni<sup>14</sup> u mal-awtoritajiet lokali u s-soċjetà ċivili, bil-għan li jiġbru, jaqsmu u janalizzaw l-informazzjoni.

Eżempju tajjeb ta' fejn hemm x'jiġi ggwadanjat minn żieda fil-kooperazzjoni hija t-**Turkija**. Mill-bidu tal-2014, it-Turkija rċeviet EUR 79 miljun biex jikkontribwixxu għall-isforzi tagħha biex tindirizza l-persuni fuq is-sistema ta' ġestjoni tagħha tar-rifuġjati u biex jgħinu l-prevenzjoni ta' vjaġġi perikolużi fil-Mediterran tal-Lvant. L-issekondar ta' uffiċjal ta' kollegament tal-Frontex dedikat fit-Turkija se jieħu l-kooperazzjoni pass 'il quddiem.

B'allokazzjoni tal-baġit ta' EUR 96.8 biljun għall-perjodu 2014-2020, **l-assistenza ta' kooperazzjoni esterna tal-UE**, u b'mod partikolari l-kooperazzjoni għall-iżvilupp, għandha rwol importanti fl-indirizzar ta' kwistjonijiet globali bħalma huma l-faqar, in-nuqqas ta' sigurtà, l-inugwaljanza u l-qgħad li huma fost il-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u furzata. Dan jinkludi appoġġ fir-reġjuni tal-Afrika, l-Asja u l-Ewropa tal-Lvant minn fejn joriġinaw il-biċċa l-kbira tal-migranti li jaslu fl-Ewropa.

Apparti li tindirizza kawżi ewlenin fuq terminu twil, l-UE tgħin biex jittaffa l-impatt tal-kriżijiet f'livell lokali. Dan jeħtieġ impenn sostnut: iktar minn 70% tar-rifuġjati u l-Persuni Spostati Internament (IDPs) tad-dinja huma maqbuda f'sitwazzjonijiet ta' spostament għal ħames snin jew aktar. L-UE hija donatriċi internazzjonali ewlenija għar-rifuġjati b'EUR 200 miljun fi proġetti attwali minn assistenza għall-iżvilupp u aktar minn EUR 1 biljun ta' assistenza umanitarja ddedikati għal rifuġjati u IDPs mill-bidu tal-2014. Bħalissa għaddejja riflessjoni strateġika biex jiġi massimizzat l-impatt ta' dan l-appoġġ, bir-riżultati mistennija li jidhru fl-2016.

<sup>13</sup> Il-proċess ta' Rabat, il-Proċess ta' Khartoum, il-Proċess ta' Budapest, il-Proċess ta' Praga, id-Djalogu dwar il-Migrazzjoni u l-Mobilità bejn l-UE u l-Afrika.

<sup>14</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 377/2004 tad-19 ta' Frar 2004. L-uffiċjali ta' Kollegament tal-Immigrazzjoni huma rappreżentanti tal-Istati Membri li huma ssekondati f'pajjiż li mhuwiex Stat Membru, sabiex jiffaċilitaw il-miżuri meħuda mill-UE biex tiġi miġġielda l-immigrazzjoni irregolari (ĠU L 64, 2.3.2004, p. 1). Ir-Renju Unit u l-Irlanda għażlu li jintrabtu b'dan ir-Regolament (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 3).



## *Il-ġlieda kontra l-kuntrabandisti u t-traffikanti*

L-azzjoni biex jiġu miġġielda n-netwerks kriminali ta' kuntrabandisti u traffikanti hija l-ewwel u qabel kollox mod biex jiġi impedit l-isfruttament tal-migranti minn netwerks kriminali<sup>15</sup>. Dan jaġixxi wkoll bħala diżinċentiv għall-migrazzjoni irregolari. L-għan irid ikun li jiġu trasformati n-netwerks ta' kuntrabandu minn operazzjonijiet ta' "riskju baxx, qligħ għoli" għall-kriminali għal dawk b"riskju għoli, qligħ baxx". Se jitressaq pjan ta' azzjoni mill-Kummissjoni sal-aħħar ta' Mejju.

Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi hija ta' importanza kruċjali. Il-biċċa l-kbira tal-kuntrabandisti mhumiex ibbażati fl-Ewropa, u dawk li huma arrestati fuq dgħajjes fil-Mediterran huma normalment l-aħħar ħolqa fil-katina. Il-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra l-gruppi kriminali lokali u internazzjonali li jikkontrollaw ir-rotot tal-kuntrabandu se tkun punt fokali tal-kooperazzjoni intensifikata stabbilita hawn fuq.

L-aġenziji tal-UE jistgħu wkoll jgħinu lill-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jintensifikaw l-azzjoni tagħhom kontra **netwerks kriminali ta' kuntrabandisti**. L-aġenziji jgħinu jidentifikaw il-kuntrabandisti, jinvestigawhom, jieħdu passi legali kontribom, jiffriżaw u jikkonfiskaw l-assi tagħhom. Dan se jinkludi sforzi immedjati biex jiġu identifikati, maqbuda u meqruda l-bastimenti qabel ma dawn jintużaw minn netwerks kriminali (ara hawn fuq). Se jkun appoġġati investigazzjonijiet finanzjarji proattivi, li jimmiraw għal qbid u rkupru ta' assi kriminali, u azzjonijiet kontra l-ħasil tal-flus marbut mal-kuntrabandu ta' migranti permezz ta' kooperazzjoni msaħħa ma' Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja fuq il-flussi finanzjarji u kooperazzjoni ġdida ma' istituzzjonijiet finanzjarji, bħal banek, servizzi ta' trasferiment ta' flus internazzjonali, u dawk li joħorġu l-karti ta' kreditu. Dan se juża wkoll il-kondiviżjoni ta' tagħrif imtejba stipulata fl-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà.

Sabiex jissaħħu l-istrumenti disponibbli għall-prosekuturi biex jindirizzaw in-netwerks tal-kuntrabandu, il-Kummissjoni se ttejjeb il-qafas legali eżistenti tal-UE biex jiġi indirizzat **it-traffikar tal-migranti** u dawk li jibbenefikaw minnu<sup>16</sup>. Sabiex tittieħed azzjoni speċifika kontra n-netwerks tat-traffikanti u tingħata assistenza lill-vittmi tat-traffikar, il-Kummissjoni se ttejjem ukoll l-inizjattivi previsti fl-istrateġija attwali kontra **t-Traffikar tal-Bnedmin** u tħares lejn kif jista' jittejjeb iktar ix-xogħol fl-2016<sup>17</sup>. Sors potenzjali ieħor ta' sfruttament ġej minn min iħaddem fl-UE. Filwaqt li tippromwovi integrazzjoni aħjar fis-suq tax-xogħol ta' migranti legali, il-Kummissjoni se tintensifika l-azzjoni kontra l-impjeg illegali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, *inter alia* permezz ta' infurzar u applikazzjoni aħjar tad-**Direttiva dwar**

<sup>15</sup> Dawn l-isforzi ser jiġu segwiti wkoll taħt l-Aġenda Ewropea għas-Sigurtà u l-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima. Il-kuntrabandu u t-traffikar ta' migranti huma żewġ attivitajiet differenti iżda interkonnessi mwettqa permezz ta' netwerks kriminali. Id-differenza bejn it-tnejn hija li f' tal-ewwel, il-migranti minn jeddom jipparteċipaw fi proċess ta' migrazzjoni irregolari billi jħallsu għas-servizzi ta' kuntrabandist sabiex jaqsmu fruntiera internazzjonali, filwaqt li f' tal-aħħar huma jkun l-vittmi, imġiegħla fi sfruttament estrem li jista' jew le jkun marbut mal-qsim ta' fruntiera. Fir-realtà, iż-żewġ fenomeni mhumiex faċli jiġu mifrudin peress li persuni li jibdeu il-vjaġġi tagħhom f' manjiera volontarja huma wkoll vulnerabbli għal netwerks ta' sfruttament tax-xogħol jew sesswali.

<sup>16</sup> Xi wħud mill-miżuri adottati mill-Unjoni qabel l-1 ta' Diċembru 2009 fir-rigward tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f' materji kriminali ma għadhomx japplikaw għar-Renju Unit mill-1 ta' Diċembru 2014, fuq il-bażi tal-Artikoli 9 u 10 tal-Protokoll 36 tat-Trattati, li jstabbilixxu proċedura speċifika "non-parteċipazzjoni totali" u "opt-back-in" (ara d-deċiżjonijiet adottati mill-Kummissjoni u l-Kunsill dwar il-miżuri notifikati mir-Renju Unit, ĠU L 345, 1.12.2014, p. 1 u ĠU C 430, 1.12.2014, p. 1). FI-2002, l-UE adottat regoli biex tirbaħ fil-ġlieda kontra l-kuntrabandu tal-migranti: Id-Direttiva 2002/90/KE li tistabbilixxi definizzjoni komuni tar-reat tal-iffaċilitar ta' dħul, tranżitu u residenza mhux awtorizzati (ĠU L 328, 5.12.2002, p. 17) u d-Deċiżjoni Qafas 2002/946/JHA dwar it-tisħiħ tal-qafas penali għall-prevenzjoni tal-iffaċilitar ta' dħul, tranżitu u residenza mhux awtorizzati (ĠU L 328, 5.12.2002, p. 1). Ir-Renju Unit u l-Irlanda għażlu li jintrabtu kemm bid-Direttiva kif ukoll bid-Deċiżjoni Qafas. Madankollu, għar-Renju Unit, id-Deċiżjoni Qafas ma tibqax tapplika bis-saħħa tan-non-parteċipazzjoni totali prevista fil-Protokoll 36 imsemmi hawn fuq. Ir-Renju Unit jista' madankollu xorta jiddeċiedi li josserva l-obbligi ta' din id-Deċiżjoni Qafas.

<sup>17</sup> Rigward l-ambitu ta' dawk l-inizjattivi u l-miżuri diġà fis-seħħ, ara n-noti ta' qiegħ il-paġna 3 u 17.

**Sanzjonijiet Kontra min Iħaddem**<sup>18</sup>, li tipprojbixxi l-impjeg ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma għandhomx id-dritt li jibqgħu fl-UE. Hija se tagħti prijorità wkoll lil proċeduri ta' ksur relatati ma' din id-Direttiva.

### *Ritorn*

Wieħed mill-inċentivi għal migranti irregolari huwa l-għarfien li s-sistema tar-ritorn tal-UE — biex jirritornaw migranti irregolari jew dawk li l-applikazzjoni għall-ażil tagħhom tkun ġiet miċħuda — taħdem b'mod imperfett. In-netwerks ta' kuntrabandu spiss jirrispondu għall-fatt li relattivament ftit deċiżjonijiet ta' ritorn huma infurzati — fl-2013 ġew infurzati b'mod effettiv 39,2% biss tad-deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa.

Biex tiżdied ir-rata ta' infurzar, jeħtieġ li l-ewwel niżguraw li pajjiżi terzi jissodisfaw l-obbligu internazzjonali tagħhom li jieħdu lura ċ-ċittadini tagħhom stess li jirrisjedu b'mod irregolari fl-Ewropa<sup>19</sup>. L-UE għandha tkun lesta li tuża kull ingranaġġ u inċentiv għad-dispożizzjoni tagħha. Il-ftehim li ntlaħaq dan l-aħħar dwar **Proġett Pilota dwar ir-Ritorn** lejn il-Pakistan u l-Bangladesh se joffri dimostrazzjoni Prattika importanti għal dak li jmissu jsir<sup>20</sup>. L-UE ser **tgħin pajjiżi terzi biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom** billi toffri appoġġ bħall-bini ta' kapaċità għall-ġestjoni tar-ritorn, kampanji ta' informazzjoni u għarfien, u appoġġ għal miżuri ta' integrazzjoni mill-ġdid. Il-Kummissjoni se tirrevedi wkoll l-approċċ tagħha għal ftehimiet ta' riammissjoni,<sup>21</sup> billi tgħati prijorità lill-pajjiżi ewlenin ta' oriġini ta' migranti irregolari.

Bl-istess mod, l-Istati Membri għandhom japplikaw **id-Direttiva tar-Ritorn**<sup>22</sup>. Il-Kummissjoni se tagħti prijorità lill-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tad-Direttiva, b'sistema ta' ritorn aktar rapidu li taħdem id f'id mar-rispett tal-proċeduri u l-istandards li jippermettu lill-Ewropa tiżgura trattament uman u dinjituż tal-persuni rimpatrijati u użu proporzjonat ta' miżuri koersivi, f'konformità mad-drittijiet fundamentali u l-prinċipju ta' *"non-refoulement"*<sup>23</sup>. L-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda tal-UE dwar ir-ritorn ta' migranti irregolari bħalissa qed tiġi vvalutata bir-reqqa fil-qafas tal-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni ta' Schengen, u **"Manwal dwar ir-Ritorn"** se jappoġġa lill-Istati Membri b'linji gwida komuni, l-aħjar Prattiki u rakkomandazzjonijiet.

Filwaqt li l-UE għandha regoli komuni dwar ir-ritorn, tbatu minn nuqqas ta' kooperazzjoni operazzjonali effettiva. Il-Frontex bħalissa qiegħda toffri appoġġ konsiderevoli lill-Istati

<sup>18</sup> Id-Direttiva 2009/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li ttipprevedi standards minimi għal sanzjonijiet u miżuri kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali, ĠU L 168, 30.6.2009, p. 24-32. Ir-Renju Unit u l-Irlanda ma għażlux li jintrabtu b'din id-Direttiva u għalhekk mhumiex marbuta minnha jew soġġetti għall-applikazzjoni tagħha.

<sup>19</sup> Jeżisti obbligu speċifiku fil-Ftehim ta' Cotonou mal-pajjiżi tal-AKP. Skont l-Artikolu 13 tal-Ftehim ta' Cotonou, kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jaċċetta lura d-dħul u riammissjoni ta' kwalunkwe ċittadin tiegħu li jkun illegalment preżenti fuq art ta' xi stat tal-AKP, fuq talba ta' dak l-Istat, mingħajr aktar formalitajiet; u kull Stat tal-AKP jaċċetta r-ritorn u r-riammissjoni ta' kwalunkwe ċittadin tiegħu li jkun preżenti illegalment fuq territorju ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, fuq talba ta' dak l-Istat Membru u mingħajr aktar formalitajiet.

<sup>20</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Politika ta' Ritorn tal-UE adottata waqt il-laqgħa tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni tal-5 u s-6 ta' Ġunju 2014.

<sup>21</sup> Ftehim ta' riammissjoni jiffaċilita r-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Il-Partijiet Kontraenti jdaħħlu mill-ġdid fit-territorju tagħhom mingħajr ebda formalità, persuni bin-nazzjonalità ta' dak il-pajjiż li jkunu residenti mingħajr awtorizzazzjoni fil-pajjiż l-ieħor jew li jkunu qasmi l-fruntiera tiegħu b'mod illegali.

<sup>22</sup> Id-Direttiva 2008/115/KE, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, ĠU L 348 98, 24.12.2008, p. 98-107. Ir-Renju Unit u l-Irlanda ma għażlux li jintrabtu b'din id-Direttiva u għalhekk mhumiex marbuta biha jew soġġetti għall-applikazzjoni tagħha.

<sup>23</sup> Non-refoulement huwa prinċipju tad-dritt internazzjonali, approvat mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, skont liema persuna ma tistax tiġi rritornata f'post fejn ikun hemm riskju serju tal-piena tal-mewt, tortura jew trattament inuman jew degradanti.

Membri, iżda l-mandat tagħha jrid jiġi msaħħaħ biex tiżdied il-kapaċità tagħha biex tipprovdi assistenza operattiva komprensiva. Fil-preżent, il-FRONTEx tista' biss tikkoordina missjonijiet ta' ritorn iżda mhux tibda tagħha stess. Fuq il-bażi tal-evalwazzjoni attwali li għandha tiġi konkluża din is-sena, il-Kummissjoni se tipproponi li **temenda l-bażi legali tal-Frontex** biex issaħħaħ ir-rwol tagħha dwar ir-ritorn.<sup>24</sup>

<b>Azzjonijiet Ewlenija</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• L-indirizzar tal-kawżi ewlenin permezz ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-għajnuna umanitarja.</li> <li>• Il-migrazzjoni ssir kwistjoni ċentrali għad-delegazzjonijiet tal-UE.</li> <li>• Pjan ta' Azzjoni dwar il-kuntribandu f'Mejju 2015.</li> <li>• Azzjoni aktar b'saħħitha sabiex pajjiżi terzi jissodisfaw l-obbligi tagħhom li jieħdu lura ċ-ċittadini tagħhom.</li> <li>• Adozzjoni ta' Manwal dwar ir-Ritorn u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tad-Direttiva tar-Ritorn.</li> <li>• It-tisħiħ u l-emendar tal-bażi legali tal-Frontex biex jissaħħaħ ir-rwol tagħha dwar ir-ritorn.</li> </ul>
-----------------------------	---

### III.2 Il-ġestjoni tal-fruntieri - il-preservazzjoni tal-ħajjiet u s-sigurtà fil-fruntieri esterni

Il-miżuri deskritti hawn fuq biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni fil-Mediterran illum ġew żviluppati bħala miżuri ta' emerġenza bħala reazzjoni għal kriżi speċifika. Tkun illużjoni jekk nemmu li din hija hteġa tal-preżent li qatt mhi se tirrepeti ruħha. It-tisħiħ tal-Frontex u l-istabbiliment ta' forom ġodda ta' kooperazzjoni mal-Istati Membri għandhom jitqiesu bħala livell ta' appoġġ u solidarjetà li se jibqgħu fis-seħħ.

Ir-regoli ta' impenn miftiehma għall-operazzjonijiet ta' **Triton** għandhom jitqiesu bħala mudell għal azzjoni futura fuq il-fruntieri tal-art u tal-baħar esterni kollha. Kull kriżi ser tkun differenti, iżda l-UE trid titgħallem il-lezzjoni u tkun lesta li taġixxi b'antiċipazzjoni ta' kriżi, mhux biss b'reazzjoni.

Il-gwardakosta għandhom rwol kruċjali kemm biex isalvaw il-ħajjiet kif ukoll biex iżommu sigurtà fil-fruntieri marittimi. L-effettività tagħhom tittejjeb permezz ta' kooperazzjoni akbar. Il-Kummissjoni, flimkien ma' aġenziji rilevanti, ser tappoġġa kooperazzjoni bħal din u, fejn ikun xieraq, l-akkomunament ulterjuri ta' ċerti funzjonijiet tal-gwardakosta fil-livell tal-UE.

Dejjem qed isir iktar neċessarju li jiġu identifikati **x-xejriet ta' riskju** għat-tħejjija operattiva effettiva. L-implimentazzjoni ta' Eurosur<sup>25</sup> ipprovdiet mudell tajjeb li fuqu għandna nibnu u dan għandu jintuża b'mod sħiħ mill-awtoritajiet ċivili u militari kollha b'responsabbiltà għas-sorveljanza tal-fruntieri marittimi. L-aġenziji rilevanti għandhom jiżviluppaw stampa tas-

<sup>24</sup> Il-Frontex ġiet stabbilita bir-Regolament 2007/2004 (ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1). Bħala żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen li fih l-Irlanda u r-Renju Unit ma jiddux sehem, dawn l-Istati Membri mhumiex parti mill-Frontex. Madankollu hemm kooperazzjoni mal-Irlanda u mar-Renju Unit skont l-Artikolu 12 tar-Regolament, b'mod partikolari rigward l-organizzazzjoni ta' operazzjonijiet konġunti ta' ritorn.

<sup>25</sup> Ir-Regolament 1052/2013 tat-22 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (EUROSUR): sistema ta' skambju ta' informazzjoni mfaġġa biex ittejjeb il-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE, ĠU L 295, 6.11.2013, p. 1 EUROSUR tippermetti l-kondiviżjoni kważi f'ħin reali ta' deġta relatata mal-fruntieri bejn il-membri tan-network, li jikkonsisti minn pajjiżi Schengen u l-Frontex. Peress li EUROSUR huwa żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen li fih l-Irlanda u r-Renju Unit ma jipparteċipawx, dawn l-Istati Membri mhumiex parti minn EUROSUR. Il-kooperazzjoni limitata fuq livell reġjonali prevista fl-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament hija attwalment taħt skrutinju quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (Kawża pendenti Nru C-88/14).

sitwazzjoni effettiva li tkun tista' tikkontribwixxi fit-tfassil tal-politika u fit-tnejn tar-rispons fil-livelli nazzjonali u Ewropej<sup>26</sup>.

L-UE għandha politika stabbilita biex tgħin lill-Istati Membri jibnu fruntieri esterni sodi u konsistenti. Il-Fond għas-Sigurtà Interna diġà jipprovdi aktar minn EUR 2,7 biljun lill-Istati Membri għall-perjodu mill-2014-2020. Iżda filwaqt li r-regoli dwar il-kontroll tal-fruntieri huma fis-seħħ, il-ġestjoni tal-fruntieri llum tvarja, ibbażata fuq taħlita ta' dokumenti u strumenti settorjali. Fl-2016, il-Kummissjoni se tikkonsolidaha fi **standard tal-Unjoni għall-ġestjoni tal-fruntieri** li jkopri l-aspetti kollha tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni.

Il-ġestjoni aktar effiċjenti tal-fruntieri tagħna timplika wkoll użu aħjar tal-opportunitajiet offruti minn sistemi u teknoloġiji tal-IT. L-UE llum għandha tliet sistemi tal-IT fuq skala kbira, li jitrattaw l-amministrazzjoni tal-ażil (Eurodac), l-applikazzjonijiet għal viża (is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża), u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar persuni jew oġġetti li għalihom ikun ġie magħmul allert mill-awtoritajiet kompetenti (Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen). L-użu sħiħ ta' dawn is-sistemi jista' jagħti benefiċċji lill-ġestjoni tal-fruntieri, kif ukoll itejjeb il-kapaċità tal-Ewropa li tnaqqas il-migrazzjoni irregolari u tirritorna l-migranti irregolari. Mal-inizjattiva **"Fruntieri Intelliġenti"** tibda fażi għda biex tiżdied l-effiċjenza tal-qsim tal-fruntieri, l-iffaċilitar tal-qsim għall-maġġoranza kbira ta' vjaġġaturi "bona fide" ta' pajjiżi terzi, filwaqt li fl-istess ħin tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari billi jinħoloq reġistru tal-movimenti transfruntieri kollha minn ċittadini ta' pajjiżi terzi, b'rispett sħiħ tal-prinċipju ta' proporzjonalità. B'segwitu għad-diskussjonijiet inizjali dwar l-ewwel proposta u biex jittieħed kont tat-tħassib imqajjem mill-koleġiżlaturi, il-Kummissjoni biħsiebha tippreżenta proposta rieżaminata dwar il-Fruntieri Intelliġenti sal-bidu tal-2016<sup>27</sup>.

L-iżvilupp ta' standards għoljin fl-UE wkoll se jagħmilha aktar faċli għall-Ewropa biex tappoġġa lil pajjiżi terzi li qed jiżviluppaw is-soluzzjonijiet proprji tagħhom biex jimmaniġġaw aħjar il-fruntieri tagħhom. Inizjattivi f'pajjiżi Afrikani u tal-viċinat ewlenin jistgħu jiġu appoġġati minn Frontex kif ukoll minn inizjattivi ta' finanzjament tal-UE u dawk relatati fil-kuntest ta' politiki tal-viċinat u l-iżvilupp tal-UE. L-għan għandu jkun li jiġu mħeġġa fruntieri aktar sikuri, iżda wkoll biex **tissaħħaħ il-ħila ta' pajjiżi fl-Afrika ta' Fuq** biex jintervjenu u jsalvaw il-ħajjiet tal-immigranti f' diffikultà.

<i>Azzjonijiet Ewlenija</i>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• It-tisħiħ tar-rwol u l-kapaċità tal-Frontex.</li> <li>• Standard tal-Unjoni għall-ġestjoni tal-fruntieri.</li> <li>• It-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-UE tal-funzjonijiet tal-gwardakosta.</li> <li>• Proposta riveduta dwar il-Fruntieri Intelliġenti.</li> <li>• It-tisħiħ tal-kapaċità ta' pajjiżi terzi biex jimmaniġġaw il-fruntieri tagħhom.</li> </ul>
-----------------------------	--

### III.3. Id-dmir tal-Ewropa li tħares: politika tal-ażil komuni b'saħħitha

L-UE teħtieġ sistema ta' akkoljenza ċara għal dawk li qed ifittxu l-ażil fl-UE. Fl-2014, rekord ta' 600,000 persuna applikaw għall-ażil fl-UE. Kull applikazzjoni għall-ażil trid tiġi pproċessata u tingħata l-protezzjoni lil dawk li jikkwalifikaw għaliha. Waħda mid-dgħufijiet esposti fil-politika attwali kienet in-nuqqas ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari bħala riżultat tal-frammentazzjoni kontinwa tas-sistema tal-ażil. Dan għandu

<sup>26</sup> Ikkoordinata mill-Frontex b'kontribut mill-EASO, il-Europol, iċ-Ċentru Satellitari tal-UE u l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima.

<sup>27</sup> Dwar l-ambitu ta' tali proposta, ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 3.

impatt dirett fuq dawk li jfittxu l-ażil li qed ifittxu li jagħżlu bejn pajjiż u ieħor, iżda wkoll fuq l-opinjoni pubblika tal-UE: dan iħeġġeġ sens li s-sistema attwali hija fundamentalment inġusta. Iżda l-UE għandha regoli komuni li għandhom diġà jipprovdu bażi għal fiduċja reċiproka, u żvilupp ulterjuri ta' dawn ir-regoli se jippermetti bidu għdid.

### *Implimentazzjoni koerenti tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil*

Il-prijorità hija li tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa u koerenti tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil. Dan se jkun appoġġat minn **proċess ta' monitoraġġ sistematiku għdid**, biex jgħarbel l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-ażil u jrawwem fiduċja reċiproka. Barra minn hekk, billi taħdem mal-Istati Membri u l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil (EASO), il-Kummissjoni se tagħti aktar gwida biex jittejjbu l-**istandards** dwar il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza u l-proċeduri tal-ażil li jipprovdu lill-Istati Membri b'indikaturi tal-kwalità definiti tajjeb u sempliċi, u li jsaħħu l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ta' dawk li jfittxu l-ażil, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari għall-ħtiġijiet ta' gruppi vulnerabbli, bħalma huma t-tfal<sup>28</sup>. Il-Kummissjoni se tagħti prijorità wkoll lit-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni fil-prattika tal-leġislazzjoni adottata reċentement dwar ir-regoli tal-ażil meta tikkunsidra **l-proċeduri ta' ksur**<sup>29</sup>.

L-EASO fl-istess ħin se jżid il-**kooperazzjoni Prattika**, billi jiżviluppa rwol bħala l-kamra tal-ikklerjar tal-Infurmazzjoni dwar il-Pajjiż ta' Oriġini nazzjonali — l-infurmazzjoni fattwali li fuqha huma bbażati d-deċizzjonijiet dwar l-ażil. Dan għandu jħeġġeġ deċizzjonijiet aktar uniformi. Miżuri ewlenin oħra huma t-taħriġ<sup>30</sup> u netwerk iddedikat għdid ta' awtoritajiet ta' akkoljenza, li jista' jqiegħed il-pedament għall-akkomunament ta' postijiet ta' akkoljenza fi żminijiet ta' emerġenza.

It-tisħiħ tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil ifisser ukoll approċċ aktar effettiv għal **abbużi**. Isiru wisq talbiet mingħajr bażi: fl-2014, 55% tat-talbiet għall-ażil wasslu għal deċizzjoni negattiva u għal xi nazzjonalitajiet kważi t-talbiet għall-ażil kollha kienu miċħuda, u dan ostakola l-kapaċità tal-Istati Membri li jipprovdu protezzjoni fil-pront lil dawk fil-bżonn. Il-leġislazzjoni tinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi biex jiġu miġġielda l-abbużi, pereżempju billi jkun permess l-ipproċessar rapidu ta' applikazzjonijiet għall-ażil infondati. Biex issaħħaħ dan, il-Kummissjoni se taħdem mal-EASO u l-Istati Membri biex jiżviluppaw linji gwida biex jiġu massimizzati possibiltajiet bħal dawn.

Problema oħra tinħoloq b'applikazzjonijiet għall-ażil minn ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jeħtiġux viża biex jidħlu fl-UE. Dawn il-każijiet jistgħu jiġu ttrattati parzjalment permezz tal-mekkaniżmi ta' monitoraġġ wara l-liberalizzazzjoni tal-viża<sup>31</sup>. Biex issaħħaħ dan, il-Kummissjoni se tipproponi wkoll it-tisħiħ tad-**dispożizzjonijiet tal-Pajjiż ta' Oriġini Sikur** tad-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil biex jappoġġaw l-ipproċessar ta' malajr tal-applikanti għall-ażil minn pajjiżi indikati bħala siguri<sup>32</sup>.

<sup>28</sup> Sabiex tħares lejn il-vulnerabbiltajiet speċifiċi tat-tfal, mhux biss dawk li għandhom sfond ta' migrant, il-Kummissjoni se tiżviluppa strateġija komprensiva biex issegwi l-Pjan ta' Azzjoni dwar Minorenni mhux Akkumpanjati (2011-2014) biex tkopri tfal nieqsa u mhux akkumpanjati.

<sup>29</sup> Id-Direttiva 2013/32/UE tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali, ĠU L 180, 29.6.2013, p. 60; Id-Direttiva 2013/33/UE tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, ĠU L 180, 29.6.2013, p. 96. Ir-Renju Unit u l-Irlanda ma għażlux li jintrabtu b'dawn id-Direttivi.

<sup>30</sup> Il-Kurrikulu ta' Taħriġ tal-EASO, sistema ta' taħriġ vokazzjonali komuni maħsuba għall-uffiċjali tal-ażil u gruppi oħra destinatari bħal ma huma l-manigġers u l-uffiċjali legali madwar l-UE.

<sup>31</sup> Dan jippermetti lill-UE tiegħu azzjoni preventiva fi sħubija mal-pajjiżi ta' oriġini, filwaqt li tiżviluppa kampanji ta' infurmazzjoni mmirati u ssaħħaħ il-kooperazzjoni fil-ġestjoni tal-fruntieri u l-għlied kontra l-kuntribandisti.

<sup>32</sup> Id-Direttiva 2013/32/UE, imsemija iktar 'il fuq.

### *Is-Sistema ta' Dublin — aktar kondiviżjoni tar-responsabbiltà fost l-Istati Membri*

Minkejja li t-titjib legali riċenti seħħ biss fl-2014, il-mekkaniżmu għall-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet biex jiġu eżaminati l-applikazzjonijiet għall-ażil (is-"sistema ta' Dublin"<sup>33</sup>) mhux qed jaħdem kif suppost. Fl-2014, ħames Stati Membri ttrattaw 72 % tal-applikazzjonijiet għall-ażil madwar l-UE kollha. L-UE tista' tipprovdi assistenza ulterjuri, iżda jeħtieġ li r-regoli jiġu applikati b'mod sħiħ.

L-Istati Membri huma responsabbli biex japplikaw is-sistema ta' Dublin. B'mod partikolari, huma għandhom jallokaw ir-riżorsi meħtieġa sabiex jiżdied l-għadd ta' trasferimenti u jitnaqqas id-dewmien, b'mod proattiv u konsistenti japplikaw il-klawsoli relatati mar-riunifikazzjoni tal-familja, u jagħmlu użu usa' u regolari tal-klawsoli diskrezzjonali, li jippermettulhom li jeżaminaw applikazzjoni għall-ażil u jnaqqsu l-pressjoni minn fuq l-Istati Membri li huma l-iktar milquta. Fil-livell tal-Unjoni, l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil (EASO) ser jappoġġa lill-Istati Membri billi jistabbilixxi **network ta' unitajiet ta' Dublin nazzjonali** dedikat.

L-Istati Membri jridu wkoll jimplementaw b'mod sħiħ ir-regoli dwar it-teħid ta' **marki tas-swaba**,<sup>34</sup> tal-migranti fil-fruntieri. L-Istati Membri taħt pressjoni partikolari se jibbenefikaw minn sistema ta' Hotspot għall-forniment ta' appoġġ operattiv fuq il-post (ara hawn fuq). Il-Kummissjoni se tipprovdi wkoll, sal-aħħar ta' Mejju, gwida biex jiġi ffaċilitat it-teħid tal-marki tas-swaba' sistematiku, b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali, appoġġata minn kooperazzjoni Prattika u skambju tal-aħjar Prattiki. Il-Kummissjoni se tesplora wkoll kif aktar identifikaturi bijometriċi jistgħu jintużaw permezz tas-sistema Eurodac (bħal ma hu l-użu ta' tekniki ta' rikonoxximent tal-wiċċ permezz ta' ritratti diġitali).

Meta ġiet imfassla s-sistema ta' Dublin, l-Ewropa kienet fi stadju differenti ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-ażil. L-influssi li kienet qed taffaċċja kienu ta' natura u skala differenti. Meta l-Kummissjoni twestaq **l-evalwazzjoni tas-sistema ta' Dublin** tagħha fl-2016, se tkun tista' tuża wkoll l-esperjenza miksuba mill-mekkaniżmi ta' rilokazzjoni u ta' risistemazzjoni. Dan se jgħin biex jiġi ddeterminat jekk hux se jkun meħtieġ rieżami tal-parametri legali ta' Dublin biex tintlaħaq distribuzzjoni aktar ġusta ta' dawk li qed ifittxu l-ażil fl-Ewropa<sup>35</sup>.

<b>Azzjonijiet Ewlenija</b>	<ul style="list-style-type: none"><li>• L-istabbiliment ta' sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni ġdida għas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil u gwida biex ittejjeb l-istandards dwar il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza u l-proċeduri tal-ażil.</li><li>• Linji gwida għall-ġlieda kontra l-abbużi tas-sistema dwar l-ażil.</li><li>• It-tisħiħ tad-<b>dispożizzjonijiet tal-Pajjiż ta' Oriġini Sikur</b> tad-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil biex jappoġġaw l-ipproċessar ta' malajr tal-applikanti għall-ażil minn pajjiżi indikati bħala siguri.</li><li>• Miżuri li jippromwovu l-identifikazzjoni sistematika u t-teħid tal-marki tas-swaba'.</li></ul>
---------------------------------	--

<sup>33</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 31). Ir-Renju Unit u l-Irlanda nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Id-Danimarka tipparteċipa fis-sistema ta' Dublin permezz ta' ftehim internazzjonali separat li hija kkonkludiet mal-UE fl-2006. Il-kriterji biex tiġi stabbilita r-responsabbiltà, b'ordni ġerarkika, jinfirxu mill-konsiderazzjonijiet tal-familja, għal pussess reċenti ta' viża jew ta' permess ta' residenza fi Stat Membru, sal-punt jekk l-applikant ikunx daħal fl-UE b'mod irregolari, jew regolari.

<sup>34</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-istabbiliment ta' Eurodac (tfassil mill-ġdid). Ir-Renju Unit u l-Irlanda għażlu li jintrabtu b'dan ir-Regolament. Id-Danimarka tipparteċipa fis-sistema ta' Eurodac permezz ta' ftehim internazzjonali separat li hija kkonkludiet mal-UE fl-2006.

<sup>35</sup> Dwar l-ambitu ta' tali proposta ġdida ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 3.

- Aktar identifikaturi bijometriċi jiġu mgħoddija minn Eurodac.
- Evalwazzjoni u rieżami possibbli tar-Regolament ta' Dublin fl-2016.

### III.4 Politika ġdida dwar il-migrazzjoni legali

L-Ewropa qed tikkompeti ma' ekonomiji oħrajn biex tattira ħaddiema bil-ħiliet li teħtieġ. Bidliet fil-ħiliet meħtieġa fl-UE bejn l-2012 u l-2025 huma mistennija li juru żieda qawwija fis-sehem ta' impjieg li jirrikjedu xogħol b'livell ta' edukazzjoni ogħla (bi 23 %) <sup>36</sup>. Diġà deher nuqqasijiet f'setturi ewlenin bħax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-kura tas-saħħa. Jeħtieġ li l-Ewropa tibni l-bażi tal-ħiliet tagħha stess u tħarreġ lin-nies għall-inklużjoni fis-suq tax-xogħol tal-lum. Il-Kummissjoni se tippreżenta Pakkett dwar il-Mobbiltà tax-Xogħol ġdid u Inizjattiva dwar il-ħiliet ġdida <sup>37</sup> fl-2015, iżda anki bi sforz determinat fit-terminu medju u dak twil x'aktarx li ma nkunux kapaċi nissodisfaw il-ħtiġijiet b'mod sħiħ.

L-UE qed tiffaċċja wkoll sensiela ta' sfidi ekonomiċi u demografiċi fuq terminu twil. Il-popolazzjoni tagħha qed tixjiegħ, iżda l-ekonomija tagħha dejjem qed issir aktar dipendenti fuq impjieg b'livell għoli ta' ħiliet. Barra minn hekk, mingħajr il-migrazzjoni l-popolazzjoni fl-età tax-xogħol tal-UE se tonqos bi 17,5-il miljun fid-deċennju li jmiss. Il-migrazzjoni se tkun dejjem iktar mezz importanti biex titjeb is-sostenibbiltà tas-sistema tal-protezzjoni soċjali tagħna u biex jiġi żgurat tkabbir sostenibbli tal-ekonomija tal-UE.

Din hija r-raġuni għaliex, anki jekk il-każ għall-migrazzjoni legali dejjem se jkun diffiċli fi żmien ta' qgħad għoli u bidla soċjali, huwa importanti li jkun hemm fis-seħħ sistema komuni ċara u rigoruża, li tirrifletti l-interess tal-UE, inkluż billi żżomm lill-Ewropa bħala destinazzjoni attraenti għall-migranti <sup>38</sup>.

#### *Migrazzjoni regolari ġestita tajjeb u politika dwar il-viża*

Deċżjonijiet dwar il-volum ta' ammissjonijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ġejjin biex ifittxu x-xogħol ser jibqgħu l-kompetenza esklussiva tal-Istati Membri. Iżda hemm rwol speċifiku għall-UE. Matul is-seba' snin li ġejjin, programmi Ewropej bħal Orizzont 2020 u Erasmus+ se jattiraw individwi b'talent lejn l-UE. Id-Direttiva dwar l-Istudanti u r-Riċerkaturi, li bħalissa qed tiġi nneozjata mill-koleġiżlaturi, għandha l-għan li tagħti lil dawn il-gruppi opportunitajiet ta' mobiltà u ta' tfitxija tax-xogħol. L-adozzjoni rapida tal-leġislazzjoni tippermetti lil dawn il-gruppi strateġikament importanti biex jaraw lill-UE bħala ambjent sikur għal xogħolhom <sup>39</sup>.

<sup>36</sup> Descy, Pascaline (2014), "Projected labour market imbalances in Europe: Policy challenges in meeting the Europe 2020 employment targets", f'OECD/European Union, Matching Economic Migration with Labour Market Needs, Pubblikazzjoni OECD (<http://dx.doi.org/10.1787/9789264216501-12-en>).

<sup>37</sup> Iż-żewġ inizjattivi huma diġà previsti fl-Anness I tal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2015.

<sup>38</sup> Il-Kummissjoni ser twestaq ukoll evalwazzjoni u valutazzjoni (*kontroll tal-idoneità*) tal-*acquis* eżistenti dwar il-migrazzjoni legali bl-għan li jiġu identifikati nuqqasijiet u inkonsistenzi u tikkunsidra modi possibbli ta' simplifikazzjoni u razjonalizzazzjoni fil-qafas attwali tal-UE sabiex tikkontribwixxi għal ġestjoni aħjar tal-flussi migratorji legali. Dwar l-ambitu ta' tali proposta ġdida ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 3.

<sup>39</sup> COM/2013/0151 finali. Dwar l-ambitu ta' din il-proposta ara wkoll in-nota ta' qiegħ il-paġna 3.

Il-pass li jmiss għandu jkun skema attraenti mifruxa mal-UE kollha għal ċittadini ta' pajjiżi terzi bi kwalifiki għoljin. Id-**Direttiva dwar il-Karta Blu**<sup>40</sup> diġà tipprovdi skema bħal din, iżda fl-ewwel sentejn tagħha, inħarġu biss 16,000 Karta Blu u 13,000 kienu maħruġa minn Stat Membru wieħed. Sal-aħħar ta' Mejju, il-Kummissjoni se tnedi konsultazzjoni pubblika dwar il-futur tad-Direttiva dwar il-Karta Blu. Reviżjoni tad-Direttiva se tħares lejn kif hija tista' ssir iktar effettiva biex tattira t-talent lejn l-Ewropa. Ir-rieżami jista' jinkludi studju dwar kwistjonijiet ta' ambitu bħal pereżempju intraprendituri li huma lesti li jinvestu fl-Ewropa, jew it-titjib tal-possibiltajiet għal mobbiltà intra UE għad-detenturi tal-Karta Blu.

Settur ieħor b'impatt ekonomiku importanti huwa s-**servizzi**. Is-settur tas-servizzi jinkludi professjonisti barranin imħarrġa sew, b'livell għoli ta' għarfien li għandhom bżonn jivvjaġġaw lejn l-UE għal perjodi qosra sabiex jipprovdu servizzi lil negozji jew gvernijiet. Il-Kummissjoni se tivvaluta modi possibbli biex tipprovdi ċertezza legali għal dawn il-kategoriji ta' persuni, ukoll sabiex issaħħaħ il-pożizzjoni tal-UE sabiex titlob reċiproċitajiet meta tinneogzja Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles (FTAs).

Ir-rwol tal-Istati Membri f'dawn id-deċiżjonijiet jappella għal djalogu aktar dirett u miftuħ biex tinbena fehma u approċċi ta' politika komuni u jsir skambju tal-aħjar prattika fil-livell Ewropew. Il-Kummissjoni se tappoġġa lill-Istati Membri fil-promozzjoni ta' djalogu permanenti u ta' evalwazzjoni bejn il-pari fil-livell Ewropew dwar kwistjonijiet bħan-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol, ir-regolarizzazzjoni u l-integrazzjoni — kwistjonijiet fejn deċiżjonijiet minn Stat Membru wieħed ikollhom impatt fuq l-oħrajn.

Il-Kummissjoni se tistabbilixxi wkoll pjattaforma ta' djalogu biex tinkludi kontribut min-negozji, it-trejdjunjins u sħab soċjali oħra, biex jiġu massimizzati l-benefiċċji tal-migrazzjoni għall-ekonomija Ewropea u l-migranti nfushom.

L-UE għandha bżonn l-għodod biex tidentifika dawk is-setturi ekonomiċi u x-xogħlijiet li qed jaffaċċjaw, jew se jaffaċċjaw, **diffikultajiet fir-reklutaġġ jew diskrepanzi fil-ħiliet**. L-għodod eżistenti diġà jipprovdu xi informazzjoni, iżda hemm bżonn ta' stampa aktar kompluta<sup>41</sup>. Portali web eżistenti, bħal pereżempju l-portal dwar il-Migrazzjoni tal-UE u l-Portal għall-Mobilità tal-Impjiegi tal-Ewropa (EURES) jista' jkollhom ukoll rwol importanti fl-iffaċilitar tat-tqabbil tal-impjiegi għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li diġà jinsabu fl-UE. Fit-tqabbil tal-ħiliet tal-migranti, problema partikolari hija n-nuqqas ta' rikonoxximent tal-kwalifiki miksuba minn migranti f'pajjiżhom. L-UE tista' tgħin biex jitjeb il-fehim tal-kwalifiki miksuba barra l-UE<sup>42</sup>.

L-isforzi li qed isiru biex tiġi żviluppata l-politika ta' migrazzjoni legali ġdida tagħna jirriflettu **l-immodernizzar tal-politika tal-viża tagħna**<sup>43</sup>. Fl-2014, il-Kummissjoni ressqet reviżjoni tal-Kodiċi dwar il-Viżi u pproponiet l-istabbiliment ta' tip ġdid ta' viża: il-Viża Itineranti<sup>44</sup>. L-adozzjoni ta' dawn il-proposti se tipprovdi lill-UE b'għodod ta' politika tal-viża

<sup>40</sup> Id-Direttiva 2009/50/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' impjeg bi kwalifiki għoljin, ĠU L 155, 18.6.2009, p. 17–29. Ir-Renju Unit u l-Irlanda ma għażlux li jintrabtu b'din id-Direttiva u għalhekk mhumiex marbuta minnha jew soġġetti għall-applikazzjoni tagħha.

<sup>41</sup> Bħalma huma Skills Panorama u Skills Alliances.

<sup>42</sup> Pereżempju permezz tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki u fil-kuntest tar-rieżami li jmiss tas-sistema tal-EUROPASS.

<sup>43</sup> Il-politika komuni dwar il-viżi prinċipalment prevista fil-Kodiċi dwar il-Viżi (ir-Regolament 810/2009) tistabbilixxi r-regoli għall-ħruġ ta' viżi għal żjajjar qosra lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jivvjaġġaw għall-fini ta' eż. turiżmu, negozju, żjajjar privati familja/ħbieb, avvenimenti kulturali u sportivi. Hija parti mill-*acquis* ta' Schengen li fiha l-Irlanda u r-Renju Unit ma jipparteċipawx. Fl-2014, l-Istati ta' Schengen ħarġu madwar 15.8-il miljun viża li jirrappreżenta żieda ta' madwar 60% meta mqabbel mal-2009. Attwalment tinsab taħt diskussjoni fil-Parlament u l-Kunsill proposta riformulata tal-Kodiċi dwar il-Viżi (COM(2014) 164).

<sup>44</sup> Hija tip ġdid ta' viża kemm għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma għandhomx bżonn viża kif ukoll għal dawk li jehtigħu b'interess leġittimu li jivvjaġġaw madwar iż-żona Schengen għal aktar minn 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum



aktar flessibbli, bil-għan li jiġi massimizzat l-impatt ekonomiku pożittiv li jiġu attirati aktar turisti, u viżitaturi fuq raġunijiet personali jew professjonali filwaqt li jiġu minimizzati r-riskji tal-migrazzjoni irregolari u s-sigurtà. Il-Kummissjoni se tikkonkludi wkoll sal-aħħar tal-2015 **ir-rieżami attwali tagħha ta' liema nazzjonalitajiet jeħtieġu viżi** u tista' tipproponi li tneħħi r-rekwiżiti tal-viża għal xi nazzjonalitajiet, fuq bażi reċiproka, jew li timponi mill-ġdid ir-rekwiżiti tal-viża għal oħrajn. Dan se jqis id-djalogi politiċi li għaddejjin ma' pajjiżi ewlenin dwar kwistjonijiet ta' migrazzjoni u mobilità.

### *Integrazzjoni effettiva*

Il-politika ta' migrazzjoni tagħna tirnexxi jekk tkun sostnuta minn politiki effettivi ta' integrazzjoni. Għalkemm il-kompetenza taqa' primarjament f'idejn l-Istati Membri, l-Unjoni Ewropea tista' tappoġġa azzjonijiet minn gvernijiet nazzjonali, awtoritajiet lokali u s-soċjetà ċivili involuti fil-proċess kumpless u għal perjodu twil tat-trawwim tal-integrazzjoni u l-fiduċja reċiproka.

Il-finanzjament huwa pprovdut permezz tal-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF). Iżda l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond Soċjali Ewropew (FSE) jistgħu wkoll ikunu ta' importanza partikolari<sup>45</sup>. Għall-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid (2014-20), mill-inqas 20% tar-riżorsi tal-FSE ser jikkontribwixxu għall-inklużjoni soċjali, li jinkludu miżuri favur **l-integrazzjoni tal-migranti**, b'enfasi partikolari fuq dawk li qed ifittxu l-ażil u r-refuġjati kif ukoll fuq it-tfal. Il-Fondi jistgħu jappoġġaw inizzjattivi mmirati biex itejbu l-ħiliet lingwistiċi u professjonali, itejbu l-aċċess għas-servizzi, jippromwovu l-aċċess għas-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni inklużiva, irawmu skambji interkulturali u jippromwovu kampanji ta' sensibilizzazzjoni mmirati kemm lejn il-komunitajiet ospitanti kif ukoll il-migranti.

### *Il-massimizzazzjoni tal-benefiċċji tal-iżvilupp għal pajjiżi ta' oriġini*

Il-politika dwar il-migrazzjoni legali tal-UE għandha tappoġġa wkoll l-iżvilupp ta' pajjiżi ta' oriġini<sup>46</sup>. In-Nazzjonijiet Uniti dalwaqt se jadottaw **Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs)**, u għandhom jiġu inklużi miri relatati mal-migrazzjoni, flimkien ma' miri f'oqsma bħall-promozzjoni tax-xogħol deċenti, l-impjiegi għaż-żgħażagħ, politiki ta' protezzjoni tal-pagi u soċjali li jistgħu jgħinu lill-pajjiżi ta' oriġini biex joħolqu opportunitajiet ekonomiċi aħjar f'pajjiżhom. L-UE ser tkompli tappoġġa b'mod attiv miri relatati mal-migrazzjoni bħala parti mill-qafas ġenerali finali, u tenfasizza l-importanza li jiġu sfruttati l-effetti pożittivi tal-migrazzjoni bħala mezzi orizzontali tal-implimentazzjoni tal-aġenda għall-iżvilupp għal wara l-2015. Dan jikkomplementa l-ħidma tas-**Sħubijiet ta' Mobilità** tal-UE<sup>47</sup> u l-isforzi tagħna biex nintegraw kwistjonijiet ta' migrazzjoni f'setturi għall-iżvilupp fundamentali.

Il-Kummissjoni se tagħmel disponibbli wkoll mill-inqas EUR 30 miljun biex tappoġġa s-sħab bil-bini tal-kapaċità fuq il-**ġestjoni effettiva tal-migrazzjoni tal-ħaddiema**, filwaqt li tiffoka fuq l-għoti tas-setgħa lil ħaddiema migranti u l-indirizzar tal-isfruttament. Biex tirrifletti s-

---

(COM(2014)163). Din il-proposta tibni fuq il-parti tal-*acquis* ta' Schengen li fiha l-Irlanda u r-Renju Unit ma jipparteċipawx.

<sup>45</sup> L-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri se tiġi vvalutata sal-aħħar tal-2015 biex ikun verifikat jekk l-Istati Membri laħqux l-għanijiet tagħhom u jekk hux meħtieġ xi programmar mill-ġdid ta' riżorsi tal-FSE.

<sup>46</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: "Il-Massimizzazzjoni tal-Impatt tal-Iżvilupp tal-Migrazzjoni" (COM(2013)292 finali); Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Migrazzjoni fil-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp tal-UE tat-12 ta' Diċembru 2014.

<sup>47</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: "L-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobilità" (COM/2011/743 finali). Dawn huma l-aktar oqfsa ta' kooperazzjoni bilaterali elaborati fil-qasam tal-migrazzjoni. Huma joffru qafas politiku għal djalogu u kooperazzjoni komprensivi, msaħħa u mfassla apposta ma' pajjiżi sħab, inkluż sett ta' miri u impenji kif ukoll pakkett ta' miżuri speċifiċi ta' appoġġ offruti mill-UE u l-Istati Membri interessati. Dawn jinkludu negozjati dwar il-faċilitazzjoni tal-viżi u ftehimiet dwar ir-riammissjoni.

suċċess tal-Ewropa fl-istabbiliment ta' suq uniku bbażat fuq il-mobilità tax-xogħol, l-UE nediet ukoll inizjattiva ta' EUR 24 miljun biex tappoġġa l-moviment ħieles fi ħdan il-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent. Skemi ta' mobilità tax-xogħol reġjonali li jinkoraġġixxu **mobilità min-Nofsinhar għan-Nofsinhar** jistgħu jagħtu kontribut importanti għall-iżvilupp lokali. Il-Kummissjoni se tippromwovi wkoll reklutaġġ etiku f'setturi li jbatu minn nuqqas ta' persunal kwalifikat fil-pajjiżi tal-oriġini billi tappoġġa l-inizjattivi internazzjonali f'dan il-qasam.

Mod ta' kif l-UE tista' tgħin biex tiżgura li l-pajjiżi ta' oriġini jibbenefikaw mill-migrazzjoni huwa permezz tal-**iffaċilitar ta' trasferimenti ta' rimessi orħos, aktar rapidi u aktar sikuri**. L-adozzjoni tal-proposta għal "Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament II tal-UE"<sup>48</sup> tkun tista' tgħin sabiex issaħħaħ l-ambjent regolatorju għal rimessi, u mill-inqas EUR 15-il miljun se jsiru disponibbli permezz tal-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp biex jappoġġjaw inizjattivi ewlenin f'pajjiżi li qed jiżviluppaw.

<b>Azzjonijiet Ewlenija</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Modernizzazzjoni u rieżami tal-iskema tal-Karta Blu.</li> <li>• Pjattaforma għad-djalogu mas-šhab soċjali dwar il-migrazzjoni ekonomika.</li> <li>• Azzjoni iktar b'saħħitha biex torbot il-politika tal-migrazzjoni u l-iżvilupp.</li> <li>• Finanzjament ta' prijoritizzazzjoni mill-ġdid għall-politiki ta' integrazzjoni</li> <li>• Trasferimenti ta' rimessi orħos, aktar mġaġġlin u aktar siguri.</li> </ul>
-----------------------------	---

## **IV. Nimxu 'l quddiem**

Din l-Aġenda primarjament tiffoka fuq l-offerta ta' soluzzjonijiet li se jippermettu lill-Ewropa timxi 'l quddiem f'dawn l-oqsma fit-terminu qasir u twil. Iżda jekk irridu nindirizzaw dawn il-kwistjonijiet b'mod effettiv u sostenibbli fuq it-terminu twil, il-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tal-migrazzjoni teħtieġ li tagħmel iktar.

L-inizjattivi li jinsabu fl-Aġenda se jkunu kruċjali fit-tfassil ta' politika tal-migrazzjoni Ewropea effettiva u bilanċjata. Fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattati u l-Protokolli rilevanti tagħha, il-Kummissjoni se tniedi riflessjonijiet paralleli fuq għadd ta' oqsma:

1. *It-tlestija tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil*: It-Trattati tal-UE jawspikaw status ta' ażil uniformi validu fl-Unjoni kollha. Il-Kummissjoni se tniedi dibattitu wiesa' dwar il-passi li jmiss fl-iżvilupp ta' Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, inklużi kwistjonijiet bħall-Kodiċi tal-Ażil komuni u r-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet dwar l-ażil<sup>49</sup>. Parti mid-dibattitu se jinkludi wkoll riflessjoni fuq perjodu itwal ta' żmien lejn l-istabbiliment ta' proċess ta' deċiżjoni unika tal-ażil, bl-għan li jiġi garantit trattament ugwali ta' dawk li jfittxu l-ażil madwar l-Ewropa.
2. *Ġestjoni kondiviża tal-fruntieri Ewropej*: Iż-żieda fl-azzjoni fil-Mediterran tesponi r-realtà li l-ġestjoni tal-fruntieri esterni qed issir dejjem aktar responsabbiltà kondiviża.

<sup>48</sup> COM/2013/0547 finali.

<sup>49</sup> Rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet dwar l-ażil pożittivi jfisser ir-rikonoxximent minn Stat Membru ta' deċiżjonijiet dwar l-ażil pożittivi meħuda minn Stat Membru ieħor.

Minbarra Sistema Ewropea ta' Gwardji tal-Fruntiera,<sup>50</sup> dan ikopri approċċ ġdid għal funzjonijiet tal-gwardjakosta fl-UE, li jħares lejn inizzjattivi bħall-kondiviżjoni tal-assi, l-eżerċizzji konġunti u l-użu doppju tar-riżorsi kif ukoll il-possibbiltà li wieħed jimxi lejn Gwardjakosta Ewropea.

3. *Mudell ġdid dwar il-migrazzjoni legali:* It-Trattati tal-UE jirriżervaw id-deċiżjoni finali dwar l-ammissjoni ta' migranti ekonomiċi għall-Istati Membri. Madankollu, l-UE trid tagħti ħarsa lejn kif tista' tgħaqqad flimkien din il-limitazzjoni mal-bżonnijiet kollettivi tal-ekonomija tal-UE. B'mod partikolari, il-Kummissjoni se tħares lejn il-possibbiltà li tiżviluppa, flimkien mal-Istati Membri, "sistema ta' espressjoni ta' interess". Din tuża kriterji verifikabbli biex awtomatikament tagħmel għażla inizzjali ta' migranti potenzjali, b'min iħaddem mistieden biex jidentifika l-applikanti ta' prijorità mil-lista ta' kandidati, u l-migrazzjoni sseħħ wara li l-migrant jiġi offrut impjeg. Dan jippermetti l-ħolqien ta' akkomunament mal-UE kollha ta' migranti kkwalifikati, aċċessibbli kemm għal min iħaddem u għall-awtoritajiet tal-Istati Membri — iżda l-għażla u l-proċedura ta' ammissjoni jibqgħu nazzjonali, abbażi tal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol attwali tal-Istati Membri.

---

<sup>50</sup> Studju dwar il-fattibilità tal-ħolqien ta' sistema Ewropea ta' gwardji tal-fruntiera ([http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-we-do/policies/borders-and-visas/border-crossing/docs/20141016\\_home\\_esbg\\_frp\\_001\\_esbg\\_final\\_report\\_3\\_00\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-we-do/policies/borders-and-visas/border-crossing/docs/20141016_home_esbg_frp_001_esbg_final_report_3_00_en.pdf)), l-istudju li għaddej bħalissa dwar il-futur ta' Frontex.

## ANNEX

### Skemi Ewropej għar-rilokazzjoni u r-risistemazzjoni

#### Rilokazzjoni

"Rilokazzjoni" tfisser distribuzzjoni fost l-Istati Membri ta' persuni li b'mod ċar jeħtieġu protezzjoni internazzjonali.

Abbażi ta' parametru ta' distribuzzjoni, il-Kummissjoni, sal-aħħar ta' Mejju, se tipproponi li tinbeda s-sistema ta' rispons ta' emerġenza prevista taħt l-Artikolu 78(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u tintroduċi **skema ta' rilokazzjoni Ewropea temporanja** għal dawk li qed ifittxu l-ażil li b'mod ċar jeħtieġu l-protezzjoni internazzjonali.

Il-parametru ta' distribuzzjoni ser ikun ibbażat fuq **kriterji oġġettivi, kwantifikabbli u verifikabbli li jirriflettu l-kapaċità tal-Istati Membri li jassorbu u jintegraw ir-refuġjati**, b'fatturi ta' ponderazzjoni xierqa li jirriflettu l-importanza relattiva ta' dawn il-kriterji (*ara t-Tabella 1 hawn taħt*). Dan il-parametru se jkun ibbażat fuq l-elementi li ġejjin<sup>51</sup>:

- id-daqs tal-popolazzjoni (40%) peress li jirrifletti l-kapaċità ta' assorbiment ta' ċertu numru ta' rifuġjati;
- il-PDG totali<sup>52</sup> (40%) peress li jirrifletti l-ġid assoluti ta' pajjiż u b'hekk huwa indikattiv għall-kapaċità ta' ekonomija li tassorbi u tintegra r-rifuġjati;
- l-għadd medju ta' applikazzjonijiet għall-ażil spontanji u l-għadd ta' rifuġjati risistemati għal kull 1 miljun abitant tul il-perjodu 2010-2014 (10%) peress li jirrifletti l-isforzi li saru mill-Istati Membri fil-passat reċenti;
- ir-rata tal-qgħad (10%) bħala indikatur li jirrifletti l-kapaċità li jiġu integrati r-rifuġjati.

In-numri reali li għandhom jiġu rilokati għal kull Stat Membru se jiddependu fuq in-numru totali ta' persuni li jridu jiġu rilokati u ser jiġu inklużi fil-proposta leġiżlattiva.

L-Istat Membru riċevitur se jkun responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni għall-ażil skont ir-regoli u l-garanziji stabbiliti.

Fl-applikazzjoni tal-parametru ta' distribuzzjoni ta' referenza titqies is-sitwazzjoni tal-kriżi speċifika. L-Istati Membri minn fejn tkun se ssejtn ir-rilokazzjoni m'għandhomx jikkontribwixxu bħala Stat Membru rilokanti. Il-proposta se tirrifletti l-pożizzjoni tar-Renju Unit, l-Irlanda u d-Danimarka kif stabbilit fil-Protokollu rispettivi tat-Trattati.

#### Risistemazzjoni

"Risistemazzjoni" tfisser it-trasferiment ta' persuni individwali spostati li b'mod ċar jeħtieġu protezzjoni internazzjonali, wara l-offerta tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati u bi ftehim mal-pajjiż ta' risistemazzjoni, minn pajjiż terz lejn Stat Membru, fejn huma jkun ser jiddaħħlu u jingħataw id-dritt li jibqgħu u xi drittijiet oħra paragonabbli għal dawk mogħtija lil benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali.

Il-Kummissjoni, sal-aħħar ta' Mejju, se tadotta Rakkomandazzjoni għal **skema ta' risistemazzjoni Ewropea**.

<sup>51</sup> B'kunsiderazzjoni tad-diskussjonijiet preċedenti fil-kuntest tal-Forum ta' Risistemazzjoni u Rilokazzjoni.

<sup>52</sup> Il-PDG per capita ma għandux jintuża peress li kunsiderazzjonijiet per capita huma diġà riflessi fil-kriterji dwar id-daqs tal-popolazzjoni.

**Din l-iskema se tkopri l-Istati Membri kollha.** L-Istati assoċjati se jiġu mistiedna jieħdu sehem fl-iskema. Is-sehem tal-postijiet ta' risistemazzjoni offruti b'kolloxx se jkun allokat lil kull Stat Membru fuq il-bażi tal-istess **parametru ta' distribuzzjoni** kif spjegat hawn fuq għall-iskema ta' rilokazzjoni (*ara t-Tabella 2 hawn taħt*).

L-iskema se tikkonsisti minn **offerta Ewropea unika ta' 20,000** post ta' risistemazzjoni.

**Il-Kummissjoni se tikkontribwixxi għall-iskema** billi tagħmel addizzjonalment disponibbli total ta' EUR 50 miljun għall-2015 u l-2016.

**Ir-reġjuni ta' prijorità għar-risistemazzjoni** se jinkludu l-Afrika ta' Fuq, il-Lvant Nofsani, u l-Qarn tal-Afrika, filwaqt li ssir enfasi fuq pajjiżi fejn l-Iżvilupp Reġjonali u l-Programmi ta' Protezzjoni qed jiġu implimentati. L-iskema għandha tistabbilixxi rabtiet qawwija ma' dawn il-programmi.

**Il-kooperazzjoni tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR)** u organizzazzjonijiet rilevanti oħra se tkun imsejħa biex tassisti fl-implimentazzjoni, f'konformità mal-prattika attwali (identifikazzjoni, sottomissjoni, trasferiment, eċċ.). Jista' jkun previst ukoll **involvement prattiku tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ** fil-qasam tal-Ażil fl-iskema. Kull Stat Membru jibqa' responsabbli għad-deċiżjonijiet ta' ammissjoni individwali.

Il-Kummissjoni hija konxja mir-**riskju ta' ċaqliq sekondarju spontanju** ta' individwi risistemati. Dan se jiġi indirizzat billi r-risistemazzjoni ssir kundizzjonali fuq qbil mill-persuna risistemata li tibqa' fl-Istat fejn tkun ġiet risistemata għal perjodu ta' mill-inqas ħames (5) snin, billi tiġi infurmata dwar il-konsegwenza ta' moviment ulterjuri fi ħdan l-UE u l-fatt li mhux se jkun possibbli li takkwista l-istatus legali fi Stat Membru ieħor jew li tikseb aċċess għal drittijiet soċjali. Identifikazzjoni u ritorn rapidi tal-persuni li ma jimxux ma' ftehim bħal dan huwa diġà possibbli skont il-liġi tal-UE. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-Aġenziji rilevanti, se tiżviluppa aktar l-għodod għall-applikazzjoni prattika ta' dawn il-miżuri.

**Tabella 1 Skema ta' rilokazzjoni Ewropea**

<b>L-Istati Membri<sup>53 54</sup></b>	<b>Parametru</b>
L-Awstrija	2,62%
Il-Belġju	2,91%
Il-Bulgarija	1,25%
Il-Kroazja	1,73%
Ċipru	0,39%
Ir-Repubblika Ċeka	2,98%
L-Estonja	1,76%
Il-Finlandja	1,72%
Franza	14,17%
Il-Ġermanja	18,42%
Il-Greċja	1,90%
L-Ungerija	1,79%
L-Italja	11,84%
Il-Latvja	1,21%
Il-Litwanja	1,16%
Il-Lussemburgu	0,85%
Malta	0,69%
In-Netherlands	4,35%
Il-Polonja	5,64%
Il-Portugall	3,89%
Ir-Rumanija	3,75%
Is-Slovakkja	1,78%
Is-Slovenja	1,15%
Spanja	9,10%
L-Iżvezja	2,92%

Il-kalkoli huma bbażati fuq informazzjoni statistika fornuta minn Eurostat (ikkonsultat fit-8 ta' April 2015).

<sup>53</sup> Il-politika komuni tal-Unjoni dwar l-ażil, l-immigrazzjoni, il-viżi u l-kontroll tal-fruntieri esterni hija bbażata fuq it-Titolu V (L-Ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Skont il-Protokoll 21 u 22 tat-Trattati, ir-Renju Unit, l-Irlanda u d-Danimarka ma jidherx parti fl-adozzjoni mill-Kunsill tal-miżuri proposti skont it-Titolu V tat-TFUE. Ir-Renju Unit u l-Irlanda jistgħu jinnotifikaw lill-Kunsill, fi żmien tliet xhur wara li proposta jew inizjattiva tkun ġiet ippreżentata, jew fi kwalunkwe ħin wara l-adozzjoni tagħha, li jixtiequ jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' kwalunkwe tali miżura proposta. Id-Danimarka fi kwalunkwe żmien tista', skont il-ħtiġijiet kostituzzjonali tagħha, tinnofika lill-Istati Membri l-oħra li tixtieq tapplika b' mod sħiħ il-miżuri rilevanti kollha adottati fuq il-bażi tat-Titolu V tat-TFUE. Jekk ir-Renju Unit u l-Irlanda jiddeċiedu li jieħdu sehem fl-iskema ta' rilokazzjoni, il-perċentwal tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri jiġi adattat skont dan. Jekk id-Danimarka u l-Istati Assoċjati jiddeċiedu li jipparteċipaw b' mod volontarju fl-iskema ta' rilokazzjoni, il-perċentwal tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati ser ukoll jiġu modifikati skont dan.

<sup>54</sup> Il-perċentwali stabbiliti fil-parametru ta' distribuzzjoni ser jiġu adattati biex jittieħed kont tas-sitwazzjoni ta' kriżi speċifika indirizzata mill-iskema ta' rilokazzjoni ta' emerġenza skont l-Artikolu 78(3) TFUE. L-Istati Membri minn fejn se ssejtn ir-rilokazzjoni m'għandhomx jikkontribwixxu bħala Stat Membru rilokanti.

**Tabella 2 Skema ta' risistemazzjoni Ewropea**

<b>L-Istati Membri<sup>55</sup></b>	<b>Parametru</b>	<b>Allokazzjoni totali bbażata fuq 20.000 persuna</b>
L-Awstrija	2,22%	444
Il-Belġju	2,45 %	490
Il-Bulgarija	1,08 %	216
Il-Kroazja	1,58 %	315
Ċipru	0,34 %	69
Ir-Repubblika Ċeka	2,63 %	525
<i>Id-Danimarka<sup>56</sup></i>	<i>1,73%</i>	<i>345</i>
L-Estonja	1,63%	326
Il-Finlandja	1,46 %	293
Franza	11,87 %	2375
Il-Ġermanja	15,43 %	3086
Il-Greċja	1,61 %	323
L-Ungerija	1,53 %	307
<i>L-Irlanda<sup>56</sup></i>	<i>1,36%</i>	<i>272</i>
L-Italja	9,94%	1989
Il-Latvja	1,10%	220
Il-Litwanja	1,03%	207
Il-Lussemburgu	0,74%	147
Malta	0,60%	121
In-Netherlands	3,66 %	732
Il-Polonja	4,81 %	962
Il-Portugall	3,52%	704
Ir-Rumanija	3,29%	657
Is-Slovakkja	1,60%	319
Is-Slovenja	1,03%	207
Spanja	7,75%	1549
L-Iżvezja	2,46%	491
<i>Ir-Renju Unit<sup>56</sup></i>	<i>11,54%</i>	<i>2309</i>

Il-kalkoli huma bbażati fuq informazzjoni statistika fornuta minn Eurostat (ikkonsultat fit-8 ta' April 2015).

Il-kalkoli perċentwali saru sa ħames punti deċimali u mqarrba 'l fuq jew 'l isfel sat-tieni ċifra wara l-punt deċimali għall-preżentazzjoni fit-tabella; l-alkokazzjonijiet ta' persuni kienet magħmula fuq il-bażi taċ-ċifri sħaħ sa ħames ċifri wara l-punt deċimali.

<sup>55</sup> Jekk l-Istati Assoċjati jiddeċiedu li jipparteċipaw fl-iskema ta' risistemazzjoni, il-parametru u l-alkokazzjoni totali jinbidlu kif meħtieġ.

<sup>56</sup> Filwaqt li l-iskema ta' risistemazzjoni proposta se tieħu l-forma ta' Rakkomandazzjoni, il-politika komuni tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni hija bbażata fuq it-Titolu V tat-TFUE. Għalhekk se jiġu kkunsidrati l-aspetti speċifiċi msemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna 3, rigward il-Protokollu 21 u 22 tat-Trattati, dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit, l-Irlanda u d-Danimarka.